31993L0016

7.7.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 165/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 93/16/KEE
tal-5 ta' April 1993
biex tiffaċilità l-moviment liberu tat-tobba u r-rikonoxximent tad-diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali tagħhom

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 49, l-Artikolu 57(1) u (2), l-ewwel u t-tielet sentenza, u l-Artikolu 66 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi d-Direttivi tal-Kunsill 75/362/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 li jikkonċernaw ir-rikonoxximent tad-diplomi, ċertifikati u prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina, jinkludu miżuri biex jiffaċilitàw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi [3] u 75/363/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 li tikkonċerna l-koordinament tad-dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolamenti u b'azzjoni amministrattiva fir-rigward ta' l-attivitajiet tat-tobba [4] ġew emendati kemm-il darba u sostanzjalment; billi, għalhekk, għal raġunijiet ta' ċarezza u razzjonalità, id-Direttivi msemmija għandhom ikunu kkonsolidati; billi huwa tajjeb wkoll li, billi jinġabru d-Direttivi msemmija f'test wieħed, tiġi inkorporata magħhom id-Direttiva tal-Kunsill 86/457/KEE tal-15 ta' Settembru 1986 dwar taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali [5];

Billi, skond it-Trattat, kull trattament diskriminatorju fuq bażi ta' nazzjonalità fir-rigward ta'stabbiliment u l-provižjoni tas-servizzi huwa projbit mit-tmiem tal-perijodu transitorju; billi l-prinċipju ta' trattament bħal dan ibbażat fuq in-nazzjonalità japplika b'mod partikolari għall-għoti ta' xi awtorizzazzjoni mitluba biex wieħed jaħdem ta' tabib u wkoll biex wieħed jirreġistra ma', jew isir membru ta', organizzazzjonijiet jew korpi professjonali;

Billi jidher madankollu mixtieq li jkunu introdotti ċerti provvedimenti biex jiffaċilitàw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u ta' libertà biex jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' l-attivitajiet tat-tobba;

Billi, skond it-Trattat, l-Istati Membri huma mitluba biex ma jagħtu l-ebda forma ta' għajnuna li tista' tgħawweġ il-kondizzjonijiet ta' l-istabbiliment;

Billi l-Artikolu 57(1) tat-Trattat jistipula li jinħarġu direttivi għar-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali; billi l-għan ta' din id-Direttiva huwa r-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u evidenzi oħra ta' kwalifiki formali li bihom wieħed jista' jidħol fil-qasam tal-mediċina u r-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u evidenzi oħra formali fir-rigward ta' speċjalisti;

Billi, f'dak li għandu x'jaqsam mat-taħriġ ta' speċjalisti, rikonoxximent tal-kwalifiki tat-taħriġ huwa xieraq fejn dawn il-kwalifiki, meta ma jkunux kondizzjoni ta' aċċess biex tinbeda

---

[1] ĠU C 125, tat-18.5.1992, p. 170; u ĠU C 72, tal-15.3.1993.
[2] ĠU C 98, ta' l-24.4.1992, p. 6.
[3] ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 1; Id-direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/658/KEE (ĠU L 353, tas-17.12.1990, p.73).
[4] ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 14; Id-direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/658/KEE (ĠU L 353, tas-17.12.1990, p.73).
[5] ĠU L 267, tad-19.9.1986, p. 26.

l-attività ta' speċjalista, xorta jagħtuh iċ-ċans li juża t-titolu ta' speċjalista;

Billi xi tibdiliet fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri ġabu magħhom ċerti emendi tekniċi meħtieġa biex jikkunsidraw, b'mod partikolari, il-bidliet fit-titoli tad-diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali f'dawn il-professjonijiet jew fid-deskrizzjoni ta' ċerti speċjalizzazzjonijiet mediċi, kif ukoll l-istabbiliment ta' ċerti speċjalizzazzjonijiet mediċi ġodda jew in-nuqqas ta' kontinwazzjoni ta' ċerti speċjalizzazzjonijiet li kienu jsiru qabel fl-Istati Membri;

Billi huwa xieraq li jsiru provvedimenti għal miżuri relatati maddrittijiet miksuba fir-rigward tar-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina maħruġa mill-Istati Membri u li japprovaw it-taħriġ li kien inbeda qabel l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;

Billi, fir-rigward ta' pussess ta' ċertifikat formali ta' taħriġ, peress li d-Direttiva dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi ma timplikax neċessarjament ekwivalenza mat-taħriġ kopert minn diplomi bħal dawn, l-użu ta' kwalifiki għandu jkun awtorizzat biss fil-lingwa ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jew ta' l-Istat Membru li minnu jiġi ċ-ċittadin barrani;

Billi, biex tiġi ffaċilitàta l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mill-awtoritàjiet nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jippreskrivu li, b'żieda maċ-ċertifikati formali ta' taħriġ, il-persuna li tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' taħriġ mitluba minn din id-Direttiva għandha tipprovdi ċertifikat mill-awtoritàjiet kompetenti tal-pajjiż ta' l-oriġini tagħha jew tal-pajjiż li ġejja minnu li fih tiddikjara li dawn iċ-ċertifikati huma dawk koperti mid-Direttiva;

Billi din id-Direttiva ma taffettwax il-provvedimenti stabbiliti b'liġi, b'regolamenti jew b'azzjonijiet amministrattivi fl-Istati Membri, li jipprojbixxu l-kumpaniji jew id-ditti kummerċjali milli jeżerċitaw professjoni medika jew li jimponu fuqhom ċerti kundizzjonijiet għal din it-tip ta' professjoni;

Billi, fil-każ ta' provvista ta' servizzi, il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni ma', jew li ssir membru ta', organizzazzjonijiet jew korpi professjonali, peress li hija relatata man-natura fissa u permanenti ta' l-attività magħmula fil-pajjiż ospitanti, minħajr dubju tikkostitwixxi ostaklu għal persuna li tixtieq tipprovdi servizz, minħabba n-natura temporanja ta' l-attività tagħha; billi din il-ħtieġa għandha għalhekk tkun imħassra; billi, però, f'dan il-każ, kontroll fuq id-dixxiplina professjonali, li hija r-responsabbiltà ta' dawn l-organizzazzjonijiet jew korpi professjonali, għandu jkun iggarantit; billi, għal dan il-għan, għandu jkun iggarantit; billi, għalhekk, għandu jkun ipprovdut, suġġett għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 62 tat-Trattat, li l-persuna kkonċernata tista' tkun mitluba li tissottometti lejn l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li jospita d-dettalji relatati mal-provvediment tas-servizzi;

Billi, fir-rigward tal-ħtiġiet relatati ma' karattru tajjeb u reputazzjoni tajba, għandha ssir distinzjoni bejn il-ħtiġiet li għandom ikunu sodisfatti biex wieħed jieħu l-professjoni u dawk li għandhom ikunu sodisfatti biex wieħed jipprattikaha;

Billi, bil-għan li jkun hemm rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina speċjalizzata u biex il-membri kollha tal-professjoni li huma ċittadini ta' l-Istati Membri jitpoġġew fuq l-istess livell fi ħdan il-Komunità, xi koordinament għal ħtiġiet għat-taħriġ fil-mediċina speċjalizzata jidher meħtieġ; billi ċerti kriterji minimi għandhom ikunu stabbiliti għal dan il-għan li jikkonċerna id-dritt li wieħed jieħu t-taħriġ speċjalizzat, il-perijodu minimu ta' taħriġ, il-metodu kif isir dan it-taħriġ u l-post fejn għandu jitwettaq, kif ukoll is-sorveljanza li għandu jkun suġġett għaliha; billi dawn il-kriterji jikkonċernaw biss l-ispeċjalizzazzjonijiet komuni fl-Istati Membri kollha jew f'żewġ Stati Membri jew aktar;

Billi l-koordinament tal-kondizzjonijiet għad-dedikazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, kif ikkunsidrat minn din id-Direttiva, ma jeskludix kull koordinament sussegwenti;

Billi l-punt intlaħaq fejn huwa universalment rikonoxxut li hemm bżonn ta' taħriġ speċifiku għal tabib ġenerali biex ikollu ċ-ċans li jtejjeb il-funzjoni tiegħu; billi din il-funzjoni, li tiddependi l-aktar fuq it-tagħrif personali tat-tabib fuq l-ambjent tal-pazjenti tiegħu, tikkonsisti f'għoti ta' pariri fuq il-prevenzjoni mill-mard u l-protezzjoni tas-saħħa ġenerali tal-pazjenti, minbarra l-għoti ta' trattament xieraq;

Billi dan il-bżonn għal taħriġ speċifiku għal tobba ġenerali qam prinċipalment bħala riżultat ta' l-iżvilupp fix-xjenza medika, li kabbret dejjem aktar il-qasma bejn ir-riċerka medika u t-tagħlim fuq naħa u x-xogħol ta' tabib fuq in-naħa l-oħra, biex b'hekk aspetti importanti tax-xogħol ta' tabib m'għadhomx jistgħu ikunu mgħallma b'mod sodisfaċenti fl-istruttura preżenti ta' taħriġ mediku ta' l-Istati Membri;

Billi, minbarra l-benefiċċji għal pazjenti, huwa rikonoxxut ukoll li taħriġ mtejjeb għal funzjoni speċifika ta' tabib ġenerali jikkontribwixxi għal titjib fil-kura tas-saħħa, partikolarment bl-iżvilupp ta' avviċinament aktar selettiv għal konsultazzjoni ta' speċjalisti, użu ta' laboratorji u stabbilimenti u tagħmir ieħor speċjalizzat ħafna;

Billi taħriġ imtejjeb għal xogħol ta' tabib sejjer jgħolli l-istatus ta' tabib ġenerali;

Billi, għalkemm din is-sitwazzjoni tidher irriversibbli; hija żviluppat b'rati differenti fl-Istati Membri varji; billi huwa mixtieq li jkun assigurat li modi differenti jikkonverġu fi stadji suċċessivi, minħajr però ma jgħaġġlu żżejjed, bil-ħsieb li jkun hemm taħriġ xieraq għal kull tabib ġenerali biex jissodisfa l-ħtiġiet speċifiċi ta' tabib ġenerali;

Billi, biex tiġi assigurata introduzzjoni gradwali għal din ir-riforma, huwa meħtieġ fi stadju tal-bidu li jkun istitwit f'kull Stat Membru taħriġ speċifiku fix-xogħol ta' tabib ġenerali li jissodisfa l-ħtiġiet minimi ta' kwalità u kwantità, u jżid mat-taħriġ bażiku minimu li t-tobba ġenerali għandhom jirċievu bi qbil ma'

din id-Direttiva; billi huwa immaterjali jekk dan it-taħriġ fix-xogħol ta' tabib ġenerali jinkisibx bħala parti ta', jew separat mit-taħriġ bażiku minimu kif stabbilit nazzjonalment; billi, fit-tieni stadju, għandhom isiru provvedimenti sabiex l-eżerċizzju tax-xogħol ta' tabib ġenerali taħt skema ta' sigurtà soċjali tkun suġġetta għat-tlestija ta' taħriġ speċifiku fix-xogħol ta' tabib ġenerali; billi aktar proposti biex titkompla r-riforma għandhom sussegwentement jitressqu;

Billi din id-Direttiva ma taffettwax is-saħħa ta' l-Istati Membri li jorganizzaw l-iskemi ta' sigurtà nazzjonali tagħhom u li jiddeterminaw liema attivitajiet għandhom jittwettqu taħt dawn l-iskemi;

Billi l-koordinament, skond din id-Direttiva, tal-kondizzjonijiet minimi li jirregolaw il-ħruġ ta' diplomi, ċertifikati, jew provi oħra ta' kwalifiki formali li jiċċertifikaw tlestija ta' taħriġ speċifiku fix-xogħol ta' tabib ġenerali sejjer irendi possibbli r-rikonoxximent ta' dawn id-diplomi, ċertifikati jew provi oħra ta' kwalifiki formali mill-Istati Membri;

Billi, skond din id-Direttiva, Stat Membru ospitanti mhux intitolat li jenħtieġ minn prattikanti tal-mediċina, li għandhom diplomi miksuba fi Stat Membru ieħor u rikonoxxuti bis-saħħa ta' din id-Direttiva, biex itemmu xi taħriġ addizzjonali biex jaħdmu fl-iskema tas-sigurtà soċjali tiegħu, anki meta t-taħriġ bħal dan huwa mitlub għal dawk li għandhom diplomi ta' mediċina miksuba fit-territorju tiegħu; billi din il-konsegwenza ta' din id-Direttiva sejra tibqa' fis-seħħ fir-rigward ta' l-attwazzjoni tax-xogħol ta' tabib ġenerali permezz ta' skemi ta' sigurtà soċjali sa l-1 ta' Jannar 1995, minn din id-data din id-Direttiva teħtieġ lill-Istati Membri kollha biex jagħmlu x-xogħol ta' tabib ġenerali fil-kuntest ta' l-iskemi ta' sigurtà soċjali tagħhom suġġetti għal pussess ta' taħriġ speċifiku ġenerali fix-xogħol ta' tabib ġenerali; billi tobba ġenerali stabbiliti qabel id-data skond din id-Direttiva għandu jkollhom id-dritt li jaħdmu bħala tobba ġenerali taħt l-iskema ta' sigurtà soċjali nazzjonali tal-pajjiż ospitanti jekk ma jkunux temmew it-taħriġ speċifiku fix-xogħol ta' tabib ġenerali;

Billi l-koordinament ikkunsidrat minn din id-Direttiva jkopri it-taħriġ professjonali tat-tobba, billi, għal dak li jikkonċerna t-taħriġ, ħafna mill-Istati Membri preżentement ma jagħmlux distinzjoni bejn tobba li jagħmlu l-attività tagħhom bħala persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom; billi regoli relatati ma' karattru tajjeb jew reputazzjoni tajba, dixxiplina professjonali jew użu tat-titolu għal professjonijiet koperti huma jew jistgħu jkunu applikabbli, skond l-Istat Membru individwali, kemm għall-impjegati u kemm għal dawk li jaħdmu għal rashom; billi l-attivitajiet ta' tabib huma suġġetti fl-Istati Membri kollha għal pussess ta' diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina; billi attivitajiet bħal dawn huma magħmula kemm mill-impjegati kif ukoll minn dawk li jaħdmu għal rashom, jew mill-istess persuni fiż-żewġ kapaċitajiet tul il-karriera professjonali tagħhom; billi, biex tkun inkuraġġita l-libertà ta' moviment ta' dawn il-professjonisti fi ħdan il-Komunità, jidher għalhekk meħtieġ li din id-Direttiva tiġi estiża għal tobba impjegati;

Billi, din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-obbligi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw ż-żmien ta' l-għeluq għat-transposizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III, Parti B,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

TITOLU I

SKOP

L-Artikolu 1

Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet ta' tobba li jaħdmu bħala impjegati jew għal rashom li huma ċittadini ta' l-Istati Membri.

TITOLU II

IR-RIKONOXXIMENT TA' DIPLOMI, ĊERTIFIKATI U PROVI OĦRA TA' KWALIFIKI FORMALI FIL-MEDIĊINA

KAPITOLU I

DIPLOMI, ĊERTIFIKATI U PROVI OĦRA TA' KWALIFIKI FORMALI FIL-MEDIĊINA

L-Artikolu 2

Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali mogħtija liċ-ċittadini ta' l-Istati Membriminn Stati Membri oħra bi qbil mal-Artikolu 23 u li huma stabbiliti fl-Artikolu 3, billi jagħti lil dawn il-kwalifiki, sakemm id-dritt tax-xogħol ta' tabib huwa kkonċernat, l-istess effett fit-territorju tiegħu kif jagħti l-istess Stat Membru.

L-Artikolu 3

Id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 2 huma kif ġej:

(a) *fil-Belġju:*

"diplôme légal de docteur en médecine, chirurgie et accouchements Wettelijk diploma van doctor in de genees-, heel-en verloskunde"(diploma ta' tabib tal-mediċina, tal-kirurġija u tal-ostetrija meħtieġa mil-liġi) mogħtija mill-fakultajiet tal-mediċina ta' l-università, mill-Bord Ċentrali ta' l-Eżaminijiet jew mill-Bord ta' l-Eżaminijiet ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' l-Istat;

(b) *fid-Danimarka:*

"bevis for bestået lægevidenskabelig embedseksamen" (diploma ta' tabib ġenerali meħtieġa mil-liġi) mogħtija mill-fakultà tal-mediċina ta' l-università u "dokumentation for gennemført praktisk uddannelse", (ċertifikat ta' taħriġ prattiku maħruġ mill-awtoritàjiet kompetenti tas-servizzi tas-saħħa);

(ċ) *fil-Ġermanja:*

1. "Zeugnis über die ärztliche Staatsprüfung "(iċ-ċertifikat ta' l-eżami ta' l-Istat fil-mediċina) mogħti mill-awtoritàjiet kompetenti, "Zeugnis über die Vorbereitungszeit als Medizinalassistent" (ċertifikat li jiddikjara li l-perijodu ta' preparazzjoni bħala assistent mediku ġie mwettaq) sakemm il-liġi Ġermaniża tkun għadha titlob perijodu biex ikun mitmum taħriġ mediku;

2. "Zeugnis über die ärztliche Staatsprüfung" (iċ-ċertifikat ta' l-eżami ta' l-Istati fil-mediċina) mogħti mill-awtoritàjiet kompetenti wara t-30 ta' Ġunju 1988 u ċertifikat li jafferma ix-xogħol tal-mediċina waqt il-perijodu ta' taħriġ prattiku ("Arzt im Praktikum");

(d) *fil-Greċja:*

"Πτυχιο Ιατρικης" (grad fil-mediċina) mogħti minn:

— il-fakultà tal-mediċina ta' università, jew

— il-fakultà tax-xjenzi tas-saħħa, dipartiment tal-mediċina, ta' università;

(e) *fi Spanja:*

"Título de Licenciado en Medicina y Cirugia" (grad universitarju fil-mediċina u fil-kirurġija) mogħti mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Xjenza jew mir-rettur ta' l-università;

(f) *fi Franza:*

1. "diplôme d'État de docteur en médecine" (diploma Statali ta' tabib tal-mediċina) mogħtija mill-fakultajiet tal-mediċina ta' l-università, il-fakultajiet magħquda tal-mediċina u l-farmaċija ta -università; jew mill-universitàjiet;

2. "diplôme d'université de docteur en médicine" (diploma universitarja ta' tabib tal-mediċina) fejn dik id-diploma tiċ-ċertifika t-tlestija tal-istess kors ta' taħriġ bħal dak mniżżel għad-diploma Statali ta' tabib tal-mediċina;

(g) *fl-Irlanda:*

kwalifika primarja mogħtija fl-Irlanda wara li wieħed jgħaddi mill-eżami ta' kwalifika magħmul minn korp kompetenti ta' l-eżamijiet u ċ-ċertifikat ta' esperjenza mogħti mill-korp li japprova r-reġistrazzjoni bħala tabib ġenerali kompletament reġistrat;

(h) *fl-Italja:*

"diploma di laurea in medicina e chirurgia" (diploma ta' gradwat fil-mediċina u fil-kirurġija) mogħtija minn università, akkumpanjata b' "diploma di abilitazione all'esercizio della medicina e chirurgia" (diploma li tagħti d-dritt biex wieħed jipprattika l-mediċina u l-kiruġija) mogħtija mill-Kummissjoni ta' l-Eżamijiet ta' l-Istat;

(i) *fil-Lussemburgu:*

"diplôme d'État de docteur en médecine, chirurgie et accouchements" (diploma Statali ta' tabib tal-mediċina, fil-kirurġija u fil-ostetriċja) mogħtija mill-Bord ta' l-Eżamijiet ta' l-Istat, u approvata uffiċċjalment mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, u "certificat de stage" (ċertifikat ta' taħriġ prattiku) approvat uffiċċjalment mill-Ministeru għas-Saħħa Pubblika;

(j) *fl-Olanda:*

"universitair getuigschrift van arts" (ċertifikat universitarju ta' tabib);

(k) *fil-Portugall:*

"Carta de curso de licenciatura em medicina" (diploma li tikkonferma t-tlestija ta' l-istudji mediċi), mogħtija minn università, u d-"Diploma comprovativo da conclusão do internato geral" (diploma li tikkonferma t-tlestija ta' l-*internship* ġenerali), mogħti mill-awtoritàjiet kompetenti tal-Ministeru tas-Saħħa;

(l) *fir-Renju Unit:*

kwalifika primarja mogħtija fir-Renju Unit wara li wieħed jgħaddi mill-eżami ta' kwalifika magħmul minn korp kompetenti ta' l-eżamijiet u ċertifikat ta' esperjenza mogħti mill-korp li approva r-reġistrazzjoni bħala tabib ġenerali reġistrat kompletament.

KAPITOLU II

DIPLOMI, ĊERTIFIKATI U PROVI OĦRA TA' KWALIFIKI FORMALI FIL-MEDIĊINA SPEĊJALIZZATA KOMUNI GĦALL-ISTATI MEMBRI KOLLHA

L-Artikolu 4

Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina speċjalizzata mogħtija lil ċittadini ta' l-Istati Membri mill-Istati Membri l-oħra bi qbil mal-Artikoli 24, 25, 26 u 29 u li huma stabbiliti

fl-Artikolu 5, billi jagħti lil dawn il-kwalifiki, l-istess effett fit-territorju tiegħu bħal dawk li jagħti l-Istat Membru nnifsu.

L-Artikolu 5

1. Id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi oħra ta' kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 4 għandhom ikunu dawk li, mogħtija mill-awtoritàjiet jew korpi kompetenti mniżżla fil-paragrafu 2, jikkorrispondu, għall-iskop tat-taħriġ speċjalizzat ikkonċernat, għal kwalifiki rikonoxxuti fid-diversi Stati Membri u mniżżla fil-paragrafu 3.

2. Id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali mogħtija mill-awtoritàjiet jew korpi kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 huma kif ġej:

fil-Belġju:

"titre d'agrégation en qualité de médecin spécialiste erkenningstitel van geneersheer specialist" (prova formali ta' kwalifika bħala speċjalist mediku) maħruġa mill-Ministeru responsabbli mis-saħħa pubblika;

fid-Danimarka:

"bevis for tilladelse til at betegne sig som speciallæge" (ċertifikat li jikkonċerna t-titolu ta' speċjalista) maħruġ mill-awtoritàjiet kompetenti tas-servizz tas-saħħa;

fil-Ġermanja:

"Fachärztliche Anerkennung" (ċertifikat rikonoxxut ta' speċjalista mediku, maħruġ mil-"Landesärztekammer" (Kamra ta' Fiżiċi ta' l-Art ikkonċernata);

fil-Greċja:

"Τίτλος Ιατρικής Ειδικοτητας" (ċertifikat ta' speċjalizzazzjoni medika) mogħti mill-"Νομαρχίες" (prefetturi);

fi Spanja:

"Título de Especialista" (kwalifika professjonali ta' speċjalista) mogħtija mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Xjenza;

fi Franza:

—"certificat d'études spéciales de médecine" (ċertifikat ta' studji speċjalizzati fil-mediċina) maħruġ mill-fakultà tal-mediċina ta' università, fakultajiet magħquda tal-mediċina u tal-farmaċija ta' l-università jew mill-universitàjiet,

—ċertifikati ta' speċjalist mediku kwalifikat, imħejji mill-Kunsill ta' l-Ordre des médecins,

—"certificat d'études spéciales de médecine" (ċertifikat ta' studji speċjalizzati fil-mediċina) maħruġ mill-fakultà tal-mediċina ta' università, fakultajiet magħquda tal-mediċina u tal-farmaċija ta' l-università jew ċertifikati ekwivalenti magħmula taħt digriet tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni,

—"diplôme d'études spécialisées de médecine délivré par les universités"(diploma ta' studji speċjalizzati fil-mediċina mogħtija minn università);

fl-Irlanda:

ċertifikat ta' tabib speċjalizzat maħruġ mill-awtorità kompetenti rikonoxxut għal dan il-għan mill-Ministeru tas-Saħħa;

fl-Italja:

"diploma di medico specialista, rilasciati dal rettore di una università" (diploma ta' tabib speċjalizzat, mogħtija minn rettur ta' università);

fil-Lussemburgu:

"certificat de médecin spécialiste" (ċertifikat ta' tabib speċjalista) maħruġ mill-Ministeru tas-Saħħa Pubblika fuq il-parir tal-kulleġġ mediku;

fl-Olanda:

— "Getuigschrift van erkenning en inschrijving in het Specialistenregister" (ċertifikat ta' rikonoxximent u ta' reġistrazzjoni fir-Reġistru ta' l-Ispeċjalisti, maħruġ mill-"Specialisten-Registratiecommissie (SRC)" (Kummissjoni għar-Reġistrazzjoni ta' l-Ispeċjalisti (CRS)),

— "Getuigschrift van erkenning en inschrijving in het Register von Sociaal-Geneeskundigen" (ċertifikat ta' approvazzjoni u reġistrazzjoni maħruġ mis-"Sociaal-Geneeskundigen Registratie-Commissie (SGRC)" (Bord ta' Reġistrazzjoni ta' Tobba ta' Mediċina Soċjali);

fil-Portugall:

"Grau de Assistente" (grad ta' assistent), mogħti mill-awtoritàjiet kompetenti tal-Ministeru tas-Saħħa, jew "Título de Especialista" (kwalifika professjonali ta' speċjalista) mogħtija mill-assoċjazzjoni professjonali għat-tobba;

fir-Renju Unit:

ċertifikat ta' tlestija tat-taħriġ ta' speċjalizzazzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti rikonoxxuta għal dan il-għan.

3. It-titoli użati preżentement fl-Istati Membri li jikkorrispondu għal korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat f'dan il-każ huma kif ġej:

— *anestetiċi:*

Il-Belġju:	anesthésiologie/anesthesiolgie
Id-Danimarka:	anæsteasiolgi
Il-Ġermanja:	Anästhesiologie
Il-Greċja:	αναισθησιολογία
Spanja:	anestesiología y reanimación
Franza:	anesthésiologie-réanimation chirurgicale
L-Irlanda:	anaesthetics
L-Italja:	anestesia e rianimazione
Il-Lussemburgu:	anesthésie-réanimation
L-Olanda:	anesthesiologie
Il-Portugall:	anestesiologia
Ir-Renju Unit:	anaesthetics,

— *kirurġija ġenerali:*

Il-Belġju:	chirurgie/heelkunde
Id-Danimarka:	kirurgi eller kirurgiske sygdomme
Il-Ġermanja:	Chirurgie

Il-Greċja:	χειρουργική
Spanja:	cirugía general y del aparato digestivo
Franza:	chirurgie générale
L-Irlanda:	general surgery
L-Italja:	chirurgia generale
Il-Lussemburgu:	chirurgie générale
L-Olanda:	heelkunde
Il-Portugall:	cirurgia geral
Ir-Renju Unit:	general surgery,

— *kirurġija newroloġika:*

Il-Belġju:	neurochirurgie/neurochirurgie
Id-Danimarka:	neurokirurgi eller kirurgiske nervesygdomme
Il-Ġermanja:	Neurochirurgie
Il-Greċja:	νευροχειρουργική
Spanja:	neurocirugia
Franza:	neurochirurgie
L-Irlanda:	neurological surgery
L-Italja:	neurochirurgia
Il-Lussemburgu:	neurochirurgie
L-Olanda:	neurochirurgie
Il-Portugall:	neurocirurgia
Ir-Renju Unit:	neurological surgery,

— *ostetrija u ginekoloġija:*

Il-Belġju:	gynécologie-obstétrique/ gynecologie-verloskunde
Id-Danimarka:	gynaekologi og obstetrik eller kvindesygdomme og fødselshjælp
Il-Ġermanja:	Frauenheilkunde und Geburtshilfe
Il-Greċja:	μαιευτική-γυναικολογία
Spanja:	obstetricia y ginecología
Franza:	gynécologie-obstétrique
L-Irlanda:	obstetrics and gynaecology
L-Italja:	ostetricia e ginecologia
Il-Lussemburgu:	gynécologie-obstétrique
L-Olanda:	verloskunde en gynaecologie
Il-Portugall:	ginecologia e obstetricia
Ir-Renju Unit:	obstetrics and gynaecology,

— *mediċina (interna) ġenerali:*

Il-Belġju:	médecine interne/inwendige geneeskunde
Id-Danimarka:	intern medicin eller medicinske sygdomme
Il-Ġermanja:	Innere Medizin
Il-Greċja:	παθολογία
Spanja:	medicina interna
Franza:	médecine interne
L-Irlanda:	general (internal) medicine
L-Italja:	medicina interna
Il-Lussemburgu:	maladies internes
L-Olanda:	inwendige geneeskunde
Il-Portugall:	medicina interna
Ir-Renju Unit:	general medicine,

— *oftalmoloġija:*

Il-Belġju:	ophtalmologie/oftalmologie
Id-Danimarka:	oftalmologi eller øjensygdomme
Il-Ġermanja:	Augenheilkunde
Il-Greċja:	οφθαλμολογία
Spanja:	oftalmología
Franza:	ophtalmologie
L-Irlanda:	ophtalmology
L-Italja:	oculistica
Il-Lussemburgu:	ophtalmologie
L-Olanda:	oogheelkunde
Il-Portugall:	oftalmologia
Ir-Renju Unit:	opthalmology,

— *oto rhino laringoloġija:*

Il-Belġju:	oto-rhino-laryngologie/ otorhinolaryngologie
Id-Danimarka:	oto-rhino-laryngologi eller øre-næse-halssygdomme
Il-Ġermanja:	Hals-Nasen-Ohrenheilkunde
Il-Greċja:	ωτορινολαρυγγολογία
Spanja:	otorrinolaringología
Franza:	oto-rhino-laryngologie
L-Irlanda:	otolaryngology
L-Italja:	otorinolaringoiatria
Il-Lussemburgu:	oto-rhino-laryngologie
L-Olanda:	keel-, neus-en oorheelkunde
Il-Portugall:	otorrinolaringologia
Ir-Renju Unit:	otolaryngology,

— *pedjatrija:*

Il-Belġju:	pédiatrie/kindergeneeskunde
Id-Danimarka:	pædiatri eller børnesygdomme
Il-Ġermanja:	Kinderheilkunde
Il-Greċja:	παιδιατρική
Spanja:	pediatría sus áreas específicas
Franza:	pédiatrie
L-Irlanda:	paediatrics
L-Italja:	pediatria
Il-Lussemburgu:	pédiatrie
L-Olanda:	kindergeneeskunde
Il-Portugall:	pediatria
Ir-Renju Unit:	paediatrics,

— *mediċina respiratorja*:

Il-Belġju:	pneumologie/pneumologie
Id-Danimarka:	medicinske lungesydomme
Il-Ġermanja:	Lungen- und Bronchialheilkunde
Il-Greċja:	φυματιολογία-πνευμονολογία
Spanja:	neumologia
Franza:	pneumologie
L-Irlanda:	respiratory medicine
L-Italja:	tisiologia e malattie dell'apparato respiratorio
Il-Lussemburgu:	pneumo-phtisiologie
L-Olanda:	longziekten en tuberculose
Il-Portugall:	pneumologia
Ir-Renju Unit:	respiratory medicine,

— *uroloġija*

Il-Belġju:	urologie/urologie
Id-Danimarka:	urologi eller urinvejenes kirurgiske sygdomme
Il-Ġermanja:	Urologie
Il-Greċja:	ουρολογία
Spanja:	urología
Franza:	chirurgie urologique
L-Irlanda:	urology
L-Italja:	urologia
Il-Lussemburgu:	urologie
L-Olanda:	urologie
Il-Portugall:	urologia
Ir-Renju Unit:	urology;

— *ortopedija:*

Il-Belġju:	orthopédie/orthopedie
Id-Danimarka:	ortopædisk kirurgi
Il-Germanja:	Orthopädie
Il-Greċja:	ορθοπεδική
Spanja:	traumatología y cirugía ortopédica
Franza:	chirurgie orthopédique et traumatologie
L-Irlanda:	orthopaedic surgery
L-Italja:	ortopedia e traumatologia
Il-Lussemburgu:	orthopédie
L-Olanda:	orthopedie
Il-Portugall:	ortopedia
Ir-Renju Unit:	orthopaedic surgery,

— *anatomija patoloġika:*

Il-Belġju:	anatomie pathologique/pathologische anatomie
Id-Danimarka:	patologisk anatomi og histologi eller vævsundersøgelse
Il-Germanja:	Pathologie
Il-Greċja:	παθολογική ανατομική
Spanja:	anatomía patológica
Franza:	anatomie et cytologie pathologique
L-Irlanda:	morbid anatomy and histopathology
L-Italja:	anatomia patologica
Il-Lussemburgu:	anatomie pathologique
L-Olanda:	pathologische anatomie
Il-Portugall:	anatomia patológica
Ir-Renju Unit:	morbid anatomy and histopathology;

— *newroloġija:*

Il-Belġju:	neurologie/neurologie
Id-Danimarka:	neuromedicin eller medicinske nervesygdomme
Il-Ġermanja:	Neurologie
Il-Greċja:	νευρολογία
Spanja:	neurologia
Franza:	neurologie
L-Irlanda:	neurology
L-Italja:	neurologia
Il-Lussemburgu:	neurologie
L-Olanda:	neurologie
Il-Portugall:	neurologia
Ir-Renju Unit:	neurology,

— *psikjatrija:*

Il-Belġju:	psychiatrie/psychiatrie
Id-Danimarka:	psykiatri
Il-Ġermanja:	Psychiatrie
Il-Ġreċja:	ψυχιατρική
Spanja:	psiquiatría
Franza:	psychiatrie
L-Irlanda:	psychiatry
L-Italja:	psichiatria
Il-Lussemburgu:	psychiatrie
L-Olanda:	psychiatrie
Il-Portugall:	psiquiatria
Ir-Renju Unit:	psychiatry.

KAPITOLU III

DIPLOMI, ĊERTIFIKATI U PROVI OĦRA TA' KWALIFIKI FORMALI FIL-MEDIĊINA SPEĊJALIZZATA PARTIKULARI GĦAL ŻEWĠ STATI MEMBRI JEW AKTAR

L-Artikolu 6

Kull Stat Membru bi provvedimenti fuq din il-kwistjoni stabbilita bil-liġi, bir-regolamenti u bl-azzjonijiet amministrattivi għandu jirrikonoxxi d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki

formali fil-mediċina speċjalizzata mogħtija liċ-ċittadini ta' l-IstatiMembri mill-Istati Membri l-oħra bi qbil mal-Artikoli 24, 25, 27 u 29 u li huma stabbiliti fl-Artikolu 7, billi jagħti lil dawn il-kwalifiki l-istess effett fit-territorju tiegħu kif jagħti l-istess Stat Membru.

L-Artikolu 7

1. Id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi oħra ta' kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 6 għandhom ikunu dawk li, mogħtija mill-awtoritàjiet jew korpi kompetenti stabbiliti fl-Artikolu 5(2), jikkorrispondu għall-iskop tat-taħriġ speċjalizzat f'dan il-każ għan-nomini stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jagħtu taħriġ bħal dan.

2. In-nomini użati preżentement fl-Istati Membri li jikkorrispondu għal korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat f'dan il-każ huma kif ġej:

— *bijoloġija klinika:*

Il-Belġju:	biologie clinique/klinische biologie
Spanja:	análisis clínicos
Franza:	biologie médicale
L-Italja:	patologia diagnostica di laboratorio
Il-Portugall:	patologia clínica,

— *ematoloġija bijoloġika:*

Id-Danimarka:	klinisk blodtypeserologi
Franza:	hématologie
Il-Lussemburgu:	hématologie biologique
Il-Portugall:	hematologia clínica,

— *mikrobijoloġija-batterjoloġija:*

Id-Danimarka:	klinisk mikrobiologi
Il-Ġermanja:	Mikrobiologie und Infektionsepidemiologie
Il-Greċja:	μικροβιολογία
Spanja:	microbiología y parasitología
L-Irlanda:	microbiology
L-Italja:	microbiologia
Il-Lussemburgu:	microbiologie
L-Olanda:	medische microbiologie
Ir-Renju Unit:	medical microbiology,

— *kimika bijoloġika:*

Id-Danimarka:	klinisk kemi
Spanja:	bioquímica clínica
Irlanda:	chemical pathology
Il-Lussemburgu:	chimie biologique
L-Olanda:	klinische chemie
Ir-Renju Unit:	chemical pathology,

— *immunoloġija:*

Spanja:	inmunología
L-Irlanda:	clinical immunology
Ir-Renju Unit:	immunology,

— *kirurġija plastika:*

Il-Belġju:	chirurgie plastique/plastische heelkunde
Id-Danimarka:	plastikkirurgi
Il-Greċja:	πλαστική χειρουργική
Spanja:	cirurgía plástica y reparadora
Franza:	chirurgie plastique, reconstructrice et esthétique
L-Irlanda:	plastic surgery
L-Italja:	chirurgia plastica
Il-Lussemburgu:	chirurgie plastique
L-Olanda:	plastische chirurgie
Il-Portugall:	cirurgia plástica e reconstrutiva
Ir-Renju Unit:	plastic surgery,

— *kirurġija toraċika:*

Il-Belġju:	chirurgie thoracique/heelkunde op de thorax
Id-Danimarka:	thoraxkirurgi eller brysthulens kirurgiske sygdomme
Il-Greċja:	χειρουργική θώρακος
Spanja:	cirurgía torácica
Franza:	chirurgie thoracique et cardio-vasculaire
L-Irlanda:	thoracic surgery
L-Italja:	chirurgia toracica
Il-Lussemburgu:	chirurgie thoracique
L-Olanda:	cardio-pulmonale chirurgie
Il-Portugall:	cirurgia cárdio-torácica
Ir-Renju Unit:	thoracic surgery,

— *kirurġija pedjatrika:*

Il-Greċja:	χειρουργική παίδων
Spanja:	cirurgía pediátrica
Franza:	chirurgie infantile
L-Irlanda:	paediatric surgery
L-Italja:	chirurgia pediatrica
Il-Lussemburgu:	chirurgie pédiatrique
Il-Portugall:	cirurgia pediátrica
Ir-Renju Unit:	paediatric surgery,

— *kirurġija vaskulari:*

Il-Belġju:	chirurgie des vaisseaux/bloedvatenheelkunde
Spanja:	angiología y cirugía vascular
Franza:	chirurgie vasculaire
L-Italja:	chirurgia vascolare
Il-Lussemburgu:	chirurgie cardio-vasculaire
Il-Portugall:	cirurgia vascular,

— *kardjoloġija:*

Il-Belġju:	cardiologie/cardiologie
Id-Danimarka:	cardiologi eller hjerte-og-kredsløbssygdomme

Il-Greċja:	καρδιολογία
Spanja:	cardiología
Franza:	pathologie cardio-vasculaire
L-Irlanda:	cardiology
L-Italja:	cardiologia
Il-Lussemburgu:	cardiologie et angiologie
L-Olanda:	cardiologie
Il-Portugall:	cardiologia
Ir-Renju Unit:	cardio-vascular disease,

— *gastroenteroloġija:*

Il-Belġju:	gastro-entérologie/ gastro-enterologie
Id-Danimarka:	medicinsk gastroenterologi eller medicinske mave-tarmsygdomme
Il-Greċja:	γαστρεντερολογία
Spanja:	aparato digestivo
Franza:	gastro-entérologie et hépatologie
L-Irlanda:	gastro-enterology
L-Italja:	malattie dell'apparato digerente, della nutrizione e del ricambio
Il-Lussemburgu:	gastro-entérologie
L-Olanda:	gastro-enterologie
Il-Portugall:	gastrenterologia
Ir-Renju Unit:	gastro-enterology,

— *rewmatoloġija:*

Il-Belġju:	rhumatologie/reumatologie
Id-Danimarka:	reumatologi
Il-Greċja:	ρευματολογία
Spanja:	reumatología
Franza:	rhumatologie
L-Irlanda:	rheumatology
L-Italja:	reumatologia
Il-Lussemburgu:	rhumatologie
L-Olanda:	reumatologie
Il-Portugall:	reumatologia
Ir-Renju Unit:	rheumatology,

— *ematoloġija ġenerali:*

Il-Greċja:	αιματολογία
Spanja:	hematología hemoterapia
L-Irlanda:	haematology
L-Italja:	ematologia
Il-Lussemburgu:	hématologie
Il-Portugall:	imuno-hemoterapia
Ir-Renju Unit:	haematology,

— *endokrinoloġija:*

Il-Greċja:	ενδοκρινολογία
Spanja:	endocrinología y nutrición
Franza:	endocrinologie — maladies
L-Irlanda:	endocrinology and diabetes mellitus
L-Italja:	endocrinologia
Il-Lussemburgu:	endocrinologie, maladies du métabolisme et de la nutrition
Il-Portugall:	endocrinologia-nutricção
Ir-Renju Unit:	endocrinology and diabetes mellitus,

— *fiżjoterapija:*

Il-Belġju:	médecine physique/fysische geneeskunde
Id-Danimarka:	fysiurgi og rehabilitering
Il-Greċja:	φυσική ιατρική και αποκατάσταση
Spanja:	rehabilitación
Franza:	rééducation et réadaptation fonctionnelles
L-Italja:	fisioterapia
L-Olanda:	revalidatie
Il-Lussemburgu:	rééducation et réadaptation fonctionnelles
Il-Portugall:	fisiatria,

— *stomatoloġija:*

Spanja:	estomatología
Franza:	stomatologie
L-Italja:	odontostomatologia
Il-Lussemburgu:	stomatologie
Il-Portugall:	estomatologia,

— *newro-psikjatrija:*

Il-Belġju:	neuropsychiatrie/neuropsychiatrie
Il-Ġermanja:	Nervenheilkunde (Neurologie und Psychiatrie)
Il-Greċja:	νευρολογία — ψυχιατρική
Franza:	neuropsychiatrie
L-Italja:	neuropsichiatria
Il-Lussemburgu:	neuropsychiatrie
L-Olanda:	zenuw — en zielsziekten,

— *dermato-venereloġija:*

Il-Belġju:	dermato-vénéréologie/ dermato-venereologie
Id-Danimarka:	dermato-venerologie eller hud- og koønssygdomme
Il-Ġermanja:	Dermatologie und Venerologie
Il-Greċja:	δερματολογία-αφροδισιολογία
Spanja:	dermatología médico-quirúrgica y venereología
Franza:	dermatologie et vénéréologie
L-Italja:	dermatologia e venerologia

Il-Lussemburgu:	dermato-vénéréologie
L-Olanda:	dermatologie en venerologie
Il-Portugall:	dermatovenereologia,

— *dermatoloġija:*

L-Irlanda:	dermatology
Ir-Renju Unit:	dermatology,

— *venereloġija:*

L-Irlanda:	venereology
Ir-Renju Unit:	venereology,

— *radjoloġija:*

Il-Ġermanja:	Radiologie
Il-Greċja:	ακτινολογία — ραδιολογία
Spanja:	electrorradiología
Franza:	électro-radiologie
L-Italja:	radiologia
Il-Lussemburgu:	électroradiologie
L-Olanda:	radiologie
Il-Portugall:	radiologia,

— *radjoloġija dijanjostika:*

Il-Belġju:	radiodiagnostic/röntgendiagnose
Id-Danimarka:	diagnostisk radiologi eller — røntgenundersøgelse
Il-Ġermanja:	Radiologische Diagnostik
Il-Greċja:	aktinodiagnostiki
Spanja:	radiodiagnóstico
Franza:	radiodiagnostic et imagerie médicale
L-Irlanda:	diagnostic radiology
Il-Lussemburgu:	radiodiagnostic
L-Olanda:	radiodiagnostiek
Il-Portugall:	radiodiagnóstico
Ir-Renju Unit:	diagnostic radiology,

— *radjuterapija:*

Il-Belġju:	radio- et radiumthérapie/radio- en radiumtherapie
Id-Danimarka:	terapeutisk radiologi eller stralebehandling
Il-Ġermanja:	Strahlentherapie
Il-Greċja:	ακτινοδιαγνωστική
Spanja:	oncología radioterápica
Franza:	oncologie, option radiothérapie
L-Irlanda:	radiotherapy
Il-Lussemburgu:	radiothérapie
L-Olanda:	radiotherapie
Il-Portugall:	radioterapia
Ir-Renju Unit:	radiotherapy,

— *mediċina tropikali:*

Id-Danimarka:	tropemedicin
L-Irlanda:	tropical medicine
L-Italja:	medicina tropicale
Il-Portugall:	medicina tropical
Ir-Renju Unit:	tropical medicine,

— *psikjatrija tat-tfal:*

Id-Danimarka:	børnepsykiatri
Il-Ġermanja:	Kinder- und Jugendpsychiatrie
Il-Greċja:	παιδοψυχιατρική
Franza:	pédo-psychiatrie
L-Irlanda:	child and adolescent psychiatry
L-Italja:	neuropsichiatria infantile
Il-Lussemburgu:	psychiatrie infantile
Il-Portugall:	pedopsiquiatria
Ir-Renju Unit:	child and adolescent psychiatry,

— *ġerjatrija:*

Spanja:	geriatría
L-Irlanda:	geriatrics
L-Olanda:	klinische geriatrie
Ir-Renju Unit:	geriatrics,

— *mard tal-kliewi:*

Id-Danimarka:	nefrologi eller medicinske nyresygdomme
Il-Greċja:	νεφρολογία
Spanja:	nefrología
Franza:	néphrologie
L-Irlanda:	nephrology
L-Italja:	nefrologia
Il-Lussemburgu:	néphrologie
Il-Portugall:	nefrologia
Ir-Renju Unit:	renal disease,

— *mard infettiv:*

L-Irlanda:	communicable diseases
L-Italja:	malattie infettive
Ir-Renju Unit:	communicable diseases,

— *mediċina komunitarja:*

Franza:	santé publique et médecine sociale
L-Irlanda:	community medicine
Ir-Renju Unit:	community medicine,

— *farmakoloġija:*

Il-Ġermanja:	Pharmakologie
Spanja:	farmacología clínica

L-Irlanda:	clinical pharmacology and therapeutics
Ir-Renju Unit:	clinical pharmacology and therapeutics,

— *mediċina tax-xogħol:*

Id-Danimarka:	samfundsmedicin/arbejdsmedicin
Il-Ġermanja:	Arbeitsmedizin
Il-Greċja:	ιατρική της εργασίας
Franza:	médecine du travail
L-Italja:	medicina del lavoro
L-Irlanda:	occupational medicine
L-Olanda:	arbeids-en bedrijfsgeneeskunde
Il-Portugall:	medicina do trabalho
Ir-Renju Unit:	occupational medicine,

— *allergoloġija:*

Il-Greċja:	αλλεργιολογία
Spanja:	alergologia
L-Italja:	allergologia ed immunoligia clinica
L-Olanda:	allergologie
Il-Portugall:	imunoalergologia,

— *kirurġija gastroenteroloġika:*

Il-Belġju:	chirurgie abdominale/heelkunde op het abdomen
Id-Danimarka:	kirurgisk gastroenterologi eller kirurgiske mave-tarmsygdomme
Spanja:	cirugía del aparato digestivo
Franza:	chirurgie viscérale
L-Italja:	chirurgia dell'apparato digerente,

— *mediċina nukleari:*

Il-Belġju:	médecine nucléaire/nucleaire geneeskunde
Il-Ġermanja:	Nuklearmedizin
Il-Greċja:	πνρηνική ιατρική
Spanja:	medicina nuclear
Franza:	médecine nucléaire
L-Italja:	medicina nucleare
L-Olanda:	nucleaire geneeskunde
Il-Portugall:	medicina nuclear
Ir-Renju Unit:	nuclear medicine,

— *kirurġija maxillo-facial* (taħriġ mediku bażiku):

Spanja:	cirugía oral y maxilofacial
Franza:	chirurgie maxillo-faciale et stomatologie
L-Italja:	chirurgia maxillo-facciale,

— *kirurġija dentali, orali, u maxillo-facial* (taħriġ mediku u dentali bażiku):

Il-Belġju:	stomatologie/chirurgie orale et maxillo-faciale; /stomatologie/orale en maxillo-faciale chirurgie
Il-Ġermanja:	Zahn-, Mund-, Kiefer- und Gesichtschirurgie
L-Irlanda:	oral and maxillo-facial surgery
Ir-Renju Unit:	oral and maxillo-facial surgery.

L-Artikolu 8

1. Iċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jixtiequ jakwistaw waħda mid-diplomi, miċ-ċertifikati, jew mill-provi l-oħra ta' kwalifiki formali ta' tobba speċjalisti li mhumiex imsemmija fl-Artikoli 4 u 6, jew li, għalkemm imsemmija fl-Artikolu 6, mhumiex mogħtija fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew fl-Istat Membru minn fejn ġej iċ-ċittadin barrani, jistgħu jkunu mitluba mill-Istat Membru ospitanti biex jissoddisfaw il-kondizzjonijiet ta' taħriġ stabbiliti fir-rigward ta' l-ispeċjalità skond il-liġi, ir-regolamenti u l-azzjonijiet amministrattivi tiegħu.

2. L-Istat Membru ospitanti għandu, però, jikkunsidra, b'mod sħiħ jew f'parti, il-perijodi ta' taħriġ imwettqa miċ-ċittadini msemmija fil-paragrafu 1 u attestati bl-għoti ta' diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' taħriġ formali mill-awtoritàjiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' l-oriġini jew ta' l-Istat Membru li minnu ġej ċ-ċittadin barrani bil-kondizzjoni li perijodi ta' taħriġ bħal dawn jikkorrispondu ma' dawk mitluba fl-Istat Membru ospitanti għat-taħriġ speċjalizzat f'dak il-każ.

3. L-awtoritàjiet jew korpi kompetenti ta' l-Istat Membru ospitanti, wara li jivverifikaw il-kontenut u t-tul tat-taħriġ speċjalizzat tal-persuna kkonċernata fuq il-bażi tad-diplomi, taċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali sottomessi, għandhom jinfurmawh bil-perijodu addizzjonali ta' taħriġ meħtieġ u l-oqsma li għandhom ikunu koporti f'dan it-taħriġ.

KAPITOLU IV

ĊIRKUSTANZI EŻISTENTI

L-Artikolu 9

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, ċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali tagħhom fil-mediċina ma jissodisfawx il-ħtiġiet minimi kollha tat-taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 23, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi, bħala prova tajba biżżejjed, id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina mogħtija minn dawk l-Istati Membri meta huma jaffermaw għal taħriġ li jkun beda qabel:

— 1 ta' Jannar 1986 għal Spanja u l-Portugall,

— 1 ta' Jannar 1981 għall-Greċja,

— 20 ta' Diċembru 1976 għall-Istati Membri l-oħra,

akkumpanjat minn ċertifikat li jiddikjara li dawk iċ-ċittadini kienu effettivament u skond il-liġi jaħdmu fl-attivitajiet f'dak il-każ għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi waqt il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4, fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, ċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali tagħhom fil-mediċina ma jissodisfawx il-ħtiġiet minimi skond l-Artikoli 24 sa 27, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi, bħala prova tajba biżżejjed, id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina speċjalizzata mogħtija minn dawk l-Istati Membri meta huma jaffermaw għal taħriġ li jkun beda qabel:

— 1 ta' Jannar 1986 għal Spanja u l-Portugall,

— 1 ta' Jannar 1981 għall-Greċja,

— 20 ta' Diċembru 1976 għall-Istati Membri l-oħra.

L-Istat Membru ospitanti jista' jitlob li d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina speċjalizzata ikunu akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritàjiet jew korpi kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' l-Istat Membru li jkunu ġejjin minnu, li jiddikjara li l-persuni li għandhom dawn iċ-ċertifikati kienu, fil-mediċina speċjalizzata, jaħdmu fl-attivitajiet f'dak il-każ għal perijodu ekwivalenti għad-doppju tad-differenza bejn il-perijodu ta' taħriġ speċjalizzat ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' l-Istat Membru li ġejjin minnu, u l-ħtiġiet minimi fir-rigward tat-tul tat-taħriġ stabbiliti fit-Titolu III, meta dawn il-perijodi ma jkunux ugwali għal perijodi ta' taħriġ minimu stabbiliti fl-Artikoli 26 u 27.

Madankollu, jekk, qabel id-dati stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru ospitanti kien jeħtieġ perijodu minimu ta' taħriġ inqas minn dak f'dan il-każ kif msemmi fl-Artikoli 26 u 27, id-differenza msemmija fit-tieni subparagrafu tista' tkun iddeterminata biss b'referenza għal perijodu minimu ta' taħriġ stabbilit mill-Istat.

3. Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li d-diplomi, ċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali tagħhom fil-mediċina jikkonfermaw għal taħriġ meħud fit-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża li ma jissodisfawx il-ħtiġiet minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 23, l-Istati Membri minbarra il-Ġermanja għandhom jirrikonoxxu dawk id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali bħala prova tajba biżżejjed jekk:

— jattestaw għal taħriġ mibdi qabel l-unifikazzjoni tal-Ġermanja,

— jintitolaw lil persuna biex taħdem ta' tabib fit-territorju tal-Ġermanja bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk għal kwalifiki mogħtija mill-awtoritàjiet kompetenti Ġermaniżi u msemmija fil-punti 1 u 2 ta' l-Artikolu 3(ċ),

— ikunu akkumpanjati minn ċertifikat maħruġ mill-awtoritàjiet kompetenti Ġermaniżi li jiddikjara li dawk iċ-ċittadini kienu effettivament u skond il-liġi jaħdmu fl-attivitajiet f'dak il-każ fil-Ġermanja għal mill-inqas tliet snin konsekuttivi waqt il-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat.

4. Fil-każ ta' ċittadini ta' Stati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali tagħhom fil-mediċina speċjalizzata jattestaw għal taħriġ meħud fit-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża li ma jissodisfawx il-ħtiġiet minimi ta' taħriġ stabbiliti fl-Artikoli 24 sa 27, l-Istati Membri minbarra il-Ġermanja għandhom jirrikonoxxu dawk id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali bħala prova tajba biżżejjed jekk:

— jattestaw għal taħriġ mibdi qabel it-3 ta' April 1992, u

— jippermettu x-xogħol, bħala speċjalista, f'dak il-każ fit-territorju tal-Ġermanja bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk għal kwalifiki mogħtija mill-awtoritàjiet kompetenti Ġermaniżi u msemmija fl-Artikoli 5 u 7.

Jistgħu, però, jitolbu li d-diplomi, iċ-ċertifikati jew l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali jkunu akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritàjiet jew korpi kompetenti tal-Ġermanja li jiddikjaraw li l-persuni kienu, bħala speċjalisti, jaħdmu fix-xogħol f'dak il-każ għal perijodu ekwivalenti għad-doppju tad-differenza bejn il-perijodu ta' taħriġ speċjalizzat meħud fit-territorju Ġermaniż u t-tul minimu ta' taħriġ stabbilit fit-Titolu III meta ma jissodisfawx il-ħtiġiet fir-rigward tat-tul tat-taħriġ stabbilit fl-Artikoli 26 u 27.

5. Fil-każ ta' ċittadini ta' l-Istati Membri li d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali tagħhom fil-mediċina jew fil-mediċina speċjalizzata mhumiex konformi mal-kwalifiki jew nominazzjonijiet stabbilitui fl-Artikoli 3, 5 jew 7, kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi, bħala prova tajba biżżejjed, id-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali mogħtija minn dawk l-Istati Membri, akkumpanjati b'ċertifikat maħruġ mill-awtoritàjiet jew korpi kompetenti. Iċ-ċertifikat għandu jiddikjara li dawn id-diplomi, iċ-ċertifikati jew l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina jew fil-mediċina speċjalizzata kienu mogħtija wara taħriġ bi qbil mal-provvedimenti tat-Titolu III imsemmija, kif xieraq, fl-Artikoli 2, 4 jew 6, u huma ttrattati mill-Istati Membri li tawhom bħala l-kwalifiki jew n-nominazzjonijiet stabbiliti kif xieraq, fl-Artikoli 3, 5 jew 7.

6. L-Istati Membri li rrevokaw il-provvedimenti stabbiliti bil-liġi, bir-regolamenti jew bl-azzjonijiet amministrattivi relatati malgħoti ta' diplomi, ċertifikati u provi oħra ta' kwalifiki formali finnewro-psikjatrija, radjoloġija, kirurġija toraċika, kirurġija vaskulari, kirurġija gastroenteroloġika, ematoloġija bijoloġika, fiżjoterapija jew mediċina tropikali u ħadu l-miżuri rrelatati maddrittijiet miksuba f'isem iċ-ċittadini tagħhom, għandhom jirrikonoxxu d-dritt taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri biex jibbenefikaw minn dawn l-istess miżuri, bil-kondizzjoni li d-diplomi, iċ-ċertifikati u l-provi formali tagħhom fin-newro-psikjatrija, radjoloġija, kirurġija toraċika, kirurġija vaskulari, kirurġija gastroenteroloġika, ematoloġija bijoloġika, fiżjoterapija jew mediċina tropikali jissodisfaw il-kondizzjonijiet relevanti stabbiliti jew fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew fl-Artikoli 24, 25 and 27 u sakemm id-diplomi, iċ-ċertifikati jew l-provi l-oħra ta' kwalifiki msemmija kienu mogħtija qabel id-data li fiha l-Istat

Membru ospitanti jkun waqaf milli jagħti dawn id-diplomi,iċ-ċertifikati jew l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali fl-ispeċjal-izzazzjonijiet ikkonċernati.

7. Id-dati li fihom l-Istati Membri kkonċernati kienu rrevokaw il-provvedimenti stabbiliti bil-liġi, r-regolamenti jew l-azzjonijiet amministrattivi fir-rigward tad-diplomi, ċ-ċertifikati jew l-provi l-oħra ta' kwalifiki formali msemmija fil-paragrafu 6 huma stabbiliti fl-Anness II.

KAPITOLU V

UŻU TA' TITOLU AKKADEMIKU

L-Artikolu 10

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19, l-Istati Membri ospitanti għandhom jassiguraw li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2, 4, 6 u 9 għandhom id-dritt bil-liġi li jużaw it-titolu akkademiku jew, fejn xieraq, taqsira tiegħu, ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini tagħhom jew ta' l-Istat Membru li ġejjin minnu, bil-lingwa ta' dak l-Istat. L-Istati Membri ospitanti jistgħu jitolbu li dan it-titolu jkun segwit bl-isem u l-post ta' l-istabbiliment jew tal-bord eżaminattiv li jkun tah.

2. Jekk it-titolu akkademiku użat fl-Istat Membru ta' l-oriġini, jew fl-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija, jista' jitħallat fl-Istat Membru ospitanti ma' titolu li jitlob f'dak l-Istat taħriġ addizzjonali li l-persuna konċernata ma tkunx għamlet, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob lil persuna biex tuża t-titolu użat fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew fl-Istat Membru li ġejja minnu b'forma xierqa li għandha ssir mill-Istat Membru ospitanti.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET BIEX JIFFAĊILITAW L-EŻERĊIZZJU EFFETTIV TAD-DRITT TA' STABBILIMENT U L-LIBERTÀ LI WIEĦED JIPPROVDI SERVIZZI FIR-RIGWARD TA' L-ATTIVITAJIET TAT-TOBBA

A. **Dispożizzjonijiet relatati speċifikament mad-dritt ta' stabbiliment**

L-Artikolu 11

1. Stat Membru ospitanti li jitlob mill-persuni tan-nazzjonalità tiegħu prova ta' karattru tajjeb u reputazzjoni tajba meta jibdew kull attività ta' tabib għandu jaċċetta bħala prova tajba biżżejjed, fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra, ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' l-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija, li jafferma li l-kondizzjonijiet ta' karattru tajjeb u reputazzjoni tajba f'dak il-każ mitluba mill-Istat Membru ikunu ntlaħqu.

2. Meta l-Istat Membru ta' l-oriġini jew l-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija ma jeħtiġx prova ta' karattru tajjeb jew reputazzjoni tajba mill-persuni li jixtiequ jibdew l-attivitajiet f'dak il-każ għall-ewwel darba, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob miċ-ċittadini ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jew ta' l-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija estratt mir-rekord ġudizzjarju jew, jekk dan hu impossibbli, dokument ekwivalenti maħruġ minn awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew fl-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija.

3. Jekk l-Istat Membru ospitanti għandu tagħrif dettaljat ta' każ serju li seħħ, qabel l-istabbiliment tal-persuna konċernata f'dak l-Istat, barra t-territorju tiegħu u li x'aktarx jista' jaffettwa ix-xogħol fit-territorju konċernat, jista' jinforma lill-Istat Membru ta' l-oriġini jew l-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija.

L-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija għandu jivverifika d-dettalji tal-każ. L-awtoritajiet tiegħu għandhom jiddeċiedu fuq in-natura u l-estensjoni ta' l-investigazzjoni li għandha ssir u għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru ospitanti b'kull azzjoni konsegwenti li huma jieħdu fir-rigward taċ-ċertifikati jew tad-dokumenti li huma jkunu ħarġu.

4. L-Istati Membri għandhom jassiguraw l-konfidenzjalità tal-informazzjoni li tintbagħat.

L-Artikolu 12

1. Meta, fi Stat Membru ospitanti, id-dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva li jkunu fis-seħħ u jagħmlu kondizzjonijiet għal karattru tajjeb jew reputazzjoni tajba inklużi l-provvedimenti għal azzjoni dixxiplinari fir-rigward ta' nuqqas ta' kondotta professjonali serja jew kundanna ta' offiżi kriminali u rrelatati ma l-attivitajiet ta' tabib, l-Istat Membru ta' l-oriġini jew l-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija għandhom jibagħtu lill-Istat Membru ospitanti l-informazzjoni kollha meħtieġa fir-rigward ta' miżuri u azzjoni dixxiplanarja ta' natura professjonali jew amministrattiva meħuda fir-rigward tal-persuna konċernata jew pieni kriminali imposti fuq il-persuna fil-professjoni tagħha fl-Istat Membru ta' l-oriġini jew fl-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna.

2. Jekk l-Istat Membru ospitanti għandu tagħrif dettaljat ta' każ serju li seħħ, qabel l-istabbaliment tal-persuna kkonċernata f'dak l-Istat, barra t-territorju tiegħu u li x'aktarx jista' jaffettwa x-xogħol fit-territorju kkonċernat, jista' jinforma l-Istat Membru ta' l-oriġini jew l-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija.

L-Istat Membru ta' l-oriġini jew l-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija għandu jivverifika d-dettalji tal-każ. L-awtoritàjiet tiegħu għandhom jiddeċiedu dwar in-natura u l-estensjoni ta' l-investigazzjoni li għandha ssir u għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru ospitanti b'xi azzjoni b'konsegwenza ta' dan li huma jieħdu fir-rigward ta' l-informazzjoni li jkunu bagħtu bi qbil mal-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw l-konfidenzjalità ta' l-informazzjoni li tintbagħat.

L-Artikolu 13

Meta Stat Membru ospitanti jitlob miċ-ċittadini tiegħu li jixtiequ jagħmlu l-attività ta' tabib, ċertifikat ta' saħħa fiżika jew mentali, dak l-Istat għandu jaċċetta bħala prova tajba biżżejjed ta' din il-preżentazzjoni tad-dokument mitlub fl-Istat Membru ta' oriġini jew fl-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija.

Meta l-Istat Membru ta' l-oriġini jew l-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija ma jimponix xi talbiet ta' din ix-xorta għal dawk li jixtiequ jagħmlu l-attività f'dan il-każ, l-Istat Membru ospitanti għandu jaċċetta minn ċittadin bħal dan ċertifikat maħruġ minn awtorità kompetenti f'dak l-Istat li jikkorrispondi maċ-ċertifikati maħruġa mill-Istat Membru ospitanti.

L-Artikolu 14

Id-dokumenti maħruġa bi qbil mal-Artikoli 11, 12 u 13 jistgħu ma jkunux ippreżentati aktar tard minn tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tagħhom.

L-Artikolu 15

1. Il-proċedura biex tawtorizza l-persuna konċernata biex tibda bl-attività ta' tabib, skond l-Artikoli 11, 12 u 13, għandha tkun mħejjija malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tad-dokumenti kollha relatati ma' din il-persuna, mingħajr preġudizzju għad-dewmien li jirriżulta minn kull appell li jista' jsir meta tintemm din il-proċedura.

2. Fil-każi msemmija fl-Artikoli 11(3) u 12(2), talba għal ri-eżaminazzjoni għandha tissospendi il-perijodu stabbilit fil-paragrafu 1.

L-Istati Membri kkunsultati għandhom jagħtu t-tweġiba tagħhom fi żmien tliet xhur.

Meta jirċievi t-tweġiba jew fi tmiem tal-perijodu l-Istat Membru ospitanti għandu jkompli bil-proċedura msemmija fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 16

Meta Stat Membru ospitanti jitlob miċ-ċittadini tiegħu li jixtiequ jsegwu l-attività ta' tabib biex jieħdu ġurament jew li jagħmlu dikjarazzjoni solenni u meta il-forma ta' dan il-ġurament jew dikjarazzjoni ma tistax tkun użata minn ċittadini ta' Stati Membri oħra, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li forma xierqa jew ekwivalenti ta' ġurament jew dikjarazzjoni tkun offerta lil persuna konċernata.

B. **Provvedimenti speċjali rrelatati mal-provvista ta' servizzi**

L-Artikolu 17

1. Meta Stat Membru jitlob miċ-ċittadini tiegħu li jixtiequ jsegwu l-attività ta' tabib, awtorizzazzjoni jew li jkunu membri ta', jew irreġistrati ma', organizzazzjoni jew korp professjonali, dak l-Istat Membru għandu fil-każ ta' provvista ta' servizzi jeżenta liċ-ċittadini ta' Stati Membri minn din il-ħtieġa.

Il-persuna konċernata għandha tipprovdi servizzi bl-istess drittijiet u obbligi bħal dawk ta' ċittadini ta' l-Istat Membru ospitanti; b'mod partikolari il-persuna għandha tkun suġġetta għar-regoli ta' kondotta ta' natura professjonali jew amministrattivi li japplikaw f'dak l-Istat Membru.

Għal dan il-għan u b'żieda għad-dikjarazzjoni pprovduta filparagrafu 2 relatata mas-servizzi li għandhom ikunu pprovduti, l-Istati Membri jistgħu, biex jippermettu l-implimentazzjoni tal-provvedimenti relatati mal-kondotta professjonali fis-seħħ fit-territorju tagħhom, jitolbu jew reġistrazzjoni awtomatika temporanja jew sħubija *pro forma* ta' organizzazzjoni jew korp professjonali jew, bħala alternattiva, reġistrazzjoni, bil-kondizzjoni li din ir-reġistrazzjoni jew sħubija ma ttawwalx jew b'xi mod tikkomplika il-provvista tas-servizzi jew timponi xi spejjeż addizzjonali fuq il-persuna li tipprovdi s-servizzi.

Meta Stat Membru ospitanti jaddotta miżura skond it-tieni sub-paragrafu jew isir jaf b'fatti li jmorru kontra dawn il-provvedimenti, għandu jinforma minnufih lill-Istat Membru fejn il-persuna konċernata hija stabbilita.

2. L-Istat Membru ospitanti jista' jitlob lill-persuna konċernata biex tagħmel dikjarazzjoni bil-quddiem lejn l-awtoritajiet kompetenti dwar il-provvedimenti tas-servizzi meta dawn jinvolvu soġġorn temporanju fit-territorju tiegħu.

F'każi urġenti din id-dikjarazzjoni tista' ssir malajr kemm jista' jkun wara li s-servizzi jkunu pprovduti.

3. Bis-saħħa tal-paragrafi 1 u 2, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob lil-persuna biex tforni dokument wieħed jew aktar li jkun fih il-partikolaritajiet li ġejjin:

— id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 2,

— ċertifikat li jiddikjara li l-persuna konċernata tkun legalment issegwi l-attivitajiet f'dak il-każ fl-Istat Membru fejn hija stabbilita,

— ċertifikat li l-persuna konċernata għandha wieħed jew ieħor mid-diplomi, miċ-ċertifikati jew mill-provi l-oħra ta' kwalifiki formali xierqa għal provvediment tas-servizzi f'dak il-każ u msemmija f'din id-Direttiva.

4. Id-dokument jew dokumenti speċifikati fil-paragrafu 3 ma jistgħux jinġiebu aktar minn 12-il xahar wara d-data tal-ħruġ.

5. Meta Stat Membru temporanjament jew b'mod permanenti jċaħħad, b'mod sħiħ jew f'parti, id-dritt ta' wieħed miċ-ċittadini tiegħu jew ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor stabbilit fit-territorju tiegħu milli jagħmel xi attività ta' tabib, l-Istat Membru għandu, jassigura l-irtirar temporanju jew permanenti taċ-ċertifikat imsemmi fit-tieni subinċiż tal-paragrafu 3.

L-Artikolu 18

Meta reġistrazzjoni ma' korp pubbliku ta' sigurtà soċjali hija mitluba fl-Istat Membru ospitanti għat-twettieq mal-korpi ta' assigurazzjoni tal-kontijiet relatati mas-servizzi magħmula lil persuni assigurati bl-iskemi ta' sigurtà soċjali, l-Istat Membru għandu jeżenta liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra stabbiliti fi Stat Membru ieħor minn din it-talba, fil-każi ta' provvista ta' servizzi li jirrikjedu vjaġġi minn-naħa tal-persuna konċernata.

Madankollu, il-persuni kkonċernati għandhom jissupplixxu lil dan il-korp l-informazzjoni bill-quddiem, jew, f'każi urġenti, sussegwentement, li tikkonċerna s-servizzi pprovduti.

Ċ. **Dispożizzjonijiet komuni għad-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jkunu provduti servizzi**

L-Artikolu 19

Meta fi Stat Membru ospitanti l-użu tat-titolu professjonali relatat ma' waħda mill-attivitajiet ta' tabib huwa suġġett għal regoli, ċittadini ta' Stati Membri oħra li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 9 (1), (3) u (5) għandhom jużaw it-titolu professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti li, f'dak l-Istat, jikkorrispondi mal-kondizzjonijiet ta' kwalifiki u għandhom jużaw it-titolu mqassar.

L-ewwel paragrafu għandu japplika wkoll għall-użu ta' titoli professjonali ta' tobba speċjalisti minn dawk li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 6 u 9 (2), (4), (5) u (6).

L-Artikolu 20

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jagħtu l-opportunità lill-persuni kkonċernati li jiksbu l-informazzjoni fuq il-liġijiet ta' saħħa u s-sigurtà soċjali u, fejn applikabbli, fuq l-etika professjonali ta' l-Istat Membru ospitanti.

Għal dan il-għan l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ċentri informattivi minn fejn persuni bħal dawn jistgħu jiksbu l-informazzjoni meħtieġa. F'każ ta' stabbiliment, l-Istati Membri ospitanti jistgħu jitolbu lill-benefiċjarji biex jikkuntattjaw dawn iċ-ċentri.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu ċ-ċentri msemmija fil-paragrafu 1 fi ħdan l-awtoritajiet jew korpi kompetenti li huma għandhom jinnominaw.

3. L-Istati Membri għandhom jaraw li, fejn xieraq, il-persuni kkonċernati jitgħallmu, fl-interess tagħhom u tal-pazjenti tagħhom, il-lingwa meħtieġa biex jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fil-pajjiż ospitanti.

L-Artikolu 21

L-Istati Membri li jeħtieġu liċ-ċittadini tagħhom li jwettqu perijodu ta' taħriġ preparatorju biex isiru eliġibbli biex jaħdmu bħala tobba ta' skema ta' sigurtà soċjali jistgħu jimponu l-istess kondizzjoni fuq iċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra għal perijodu ta' ħames snin li jibda mill-20 ta' Ġunju 1975. Il-perijodu ta' taħriġ ma jistax, però, jeċċedi sitt xhur.

L-Artikolu 22

Fil-każ ta' dubji ġġustifikati, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob mill-awtoritàjiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor konferma tal-awtenticità tad-diplomi, taċ-ċertifikati jew tal-provi l-oħra ta' kwalifiki formali maħruġa f'dak l-Istat Membru l-ieħor u msemmija fil-Kapitoli I sa IV tat-Titolu II u wkoll konferma tal-fatt li l-persuna kkonċernata tkun issodisfat it-taħriġ kollu meħtieġ stabbilit fit-Titolu III.

TITOLU III

KOORDINAMENT TA' DISPOŻIZZJONIJIET STABBILITI B'LIĠI, B'REGOLAMENTI JEW B'AZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI FIR-RIGWARD TA' ATTIVITAJIET TA' TOBBA

L-Artikolu 23

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-persuni li jixtiequ jsegwu l-professjoni medika jkollhom diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina msemmija fl-Artikolu 3 li jiggarantixxu li waqt il-perijodu ta' taħriġ il-persuna kkonċernata tkun kisbet:

(a) tagħrif adekwat tax-xjenzi li fuqhom hija bbażata l-mediċina u fehma tajba tal-metodi xjentifiċi inklużi il-prinċipji li jkejlu l-funzjonijiet bijoloġiċi, l-evalwazzjoni ta' fatti xjentifiċi u l-analiżi tal-informazzjoni;

(b) fehma biżżejjed ta' l-istruttura, il-funzjonijiet u l-imġieba ta' persuni b'saħħithom u morda, kif ukoll relazzjonijiet bejn l-istat ta' saħħa u l-istat fiżiku u tas-soċjetà ta' madwaril-bniedem;

(ċ) tagħrif adekwat ta' dixxiplini kliniċi u prattika, li jagħtuh stampa koerenti ta' mard mentali u mard fiżiku, tal-mediċina mill-aspett ta' profilassi, dijanjożi u terapija u tar-riproduzzjoni umana;

(d) esperjenza klinika fl-isptarijiet taħt sorveljanza xierqa.

2. Perijodu mwettaq ta' taħriġ mediku ta' din ix-xorta għandu jkun mill-inqas kors ta' sitt snin jew 5 500 siegħat ta' istruzzjoni teoretika u prattika mogħtija f'università jew taħt is-sorveljanza ta' università.

3. Biex jiġi aċċettat għal dan it-taħriġ, il-kandidat għandu jkollu diploma jew ċertifikat li jintitolah biex jiġi aċċettat fl-universitajiet ta' l-Istat Membru għal kors ta' l-istudju kkonċernat.

4. Fil-każ ta' persuni li bdew it-taħriġ qabel l-1 ta' Jannar 1972, it-taħriġ imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jinkludi sitt xhur taħriġ prattiku *full-time* f'livell universitarju taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet kompetenti.

5. F'din id-Direttiva xejn ma jippreġudika xi faċilità li tista' tiġi mogħtija bi qbil mar-regoli tagħhom mill-Istati Membri fir-rigward tat-territorju tagħhom biex jawtorizzaw lil persuni li għandhom diplomi, ċertifikati jew provi oħra ta' kwalifiki formali li ma nkisbux fi Stat Membru biex jibdew u jsegwu l-attivitajiet bħala tobba.

L-Artikolu 24

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-taħriġ li jwassal għal diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina speċjalizzata, jkun jaqbel mill-anqas mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) għandu jinvolvi t-twettieq b'suċċess ta' sitt snin studju fi ħdan l-istruttura tal-kors ta' taħriġ msemmi fl-Artikolu 23; it-taħriġ li jwassal għal għoti ta' diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' speċjalizzazzjoni fil-kirurġija dentali, orali u *maxillo-facial* (taħriġ bażiku mediku u dentali) jinvolvi wkoll it-twettieq b'suċċess tal-kors ta' taħriġ bħala dentist imsemmi fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 78/687/KEE tal-25 ta' Lulju 1978 li tikkonċerna l-koordinament tal-provvedimenti stabbiliti b'liġi, b'regolamenti jew b'azzjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' dentisti [1];

(b) għandu jinvolvi istruzzjoni teoretika u prattika;

(ċ) għandu jkun kors *full-time* issorveljat mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti skond il-punt 1 ta' l-Anness I;

(d) għandu jsir f'ċentru universitarju, fi sptar ta' tagħlim jew, fejn xieraq, fi stabbiliment tas-saħħa approvat għal dan l-iskop mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti;

(e) għandu jinvolvi l-parteċipazzjoni personali tat-tabib li qed jitħarreġ biex isir speċjalista fix-xogħol u fir-responsabbiltajiet ta' l-istabbilimenti konċernati.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-għoti ta' diploma, ta' ċertifikat jew ta' prova oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina speċjalizzata suġġett għal pussess ta' wieħed mid-diplomi, miċ-ċertifikati jew mill-provi l-oħra ta' kwalifiki formali fil-mediċina msemmija fl-Artikolu 23. Ħruġ ta' diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' speċjalizzazzjoni fil-kirurġija dentali, orali u *maxillo-facial* (taħriġ bażiku mediku u dentali) huwa wkoll suġġett għal pussess ta' wieħed mid-diplomi, miċ-ċertifikati jew mill-provi l-oħra ta' kwalifiki bħala dentist imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/687/KEE.

L-Artikolu 25

1. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' taħriġ *full-time* kif stabbilit fl-Artikolu 24(1)(ċ), u sa dak iż-żmien li l-Kunsill jieħu d-deċiżjoni bi qbil mal-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jippermettu taħriġ speċjalizzat *part-time*, taħt il-kondizzjonijiet approvati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, meta taħriġ fuq bażi *full-time* ma jkunx prattikabbli għal raġunijiet individwalment validi.

2. Taħriġ *part-time* għandu jingħata bi qbil mal-punt 2 ta' l-Anness I u bi standard kwalitattiv ekwivalenti għat-taħriġ *full-time*. Dan l-istandard ta' taħriġ m'għandux ikun imfixkel, jew bin-natura tal-*part-time* tiegħu jew bl-attwazzjoni ta' attività professjonali privata bi ħlas.

It-tul totali tat-taħriġ speċjalizzat ma jistax ikun imqassar fil-każi meta jkun organizzat fuq bażi ta' *part-time*.

3. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi, mhux iktar tard mill-25 ta' Jannar 1989, jekk il-provvedimenti tal-paragrafi 1 u 2 għandhomx jinżammu jew ikunu emendati, fid-dawl ta' l-eżaminazzjoni mill-ġdid tas-sitwazzjoni u fuq proposta tal-Kummissjoni, b'rigward għal fatt li l-possibbiltà ta' taħriġ *part-time* għandhiex tkompli teżisti f'ċerti ċirkustanzi li għandhom ikunu eżaminati speċjalità bi speċjalità.

Taħriġ speċjalizzat *part-time* li nbeda qabel l-1 ta' Jannar 1983 jista' jitlesta bi qbil mal-provvedimenti fis-seħħ qabel din id-data.

L-Artikolu 26

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-tul minimu tal-korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat imsemmi hawn isfel ma jistax ikun inqas minn dan li ġej:

[1] ĠU L 233, ta' l-24.8.1978, p. 10.

L-ewwel grupp (ħames snin):

— kirurġija ġenerali
— newro-kirurġija
— mediċina interna
— uroloġija
— ortopedija;

It-tieni grupp (erba' snin):

— ginekoloġija u ostetrija
— pedjatrija
— pnewmotiżjoloġija
— anatomija patoloġika
— newroloġija
— psikjatrija

It-tielet grupp (tliet snin):

— anastesjoloġija u rijanimazzjoni
— oftalmoloġija
— otorinolaringoloġija.

L-Artikolu 27

L-Istati Membri li għamlu provvedimenti b'liġi, b'regolamenti u b'azzjonijiet amministrattivi f'dan il-qasam għandhom jassiguraw li t-tul minimu tal-korsijiet ta' taħriġ speċjalizzat imsemmi hawn taħt ma jistax ikun inqas minn dan li ġej:

L-ewwel grupp (ħames snin):

— kirurġija plastika
— kirurġija toraċika
— kirurġija vaskulari
— newro-psikjatrija
— kirurġija pedjatrika
— kirurġija gastroenteroloġika
— kirurġija *maxillo-facial* (taħriġ mediku bażiku)

It-tieni grupp (erba' snin):

— kardjoloġija
— gastroenteroloġija
— rewmatoloġija
— bijoloġija klinika
— radjoloġija
— radjoloġija dijagnostika
— radjoterapija
— mediċina tropikali
— farmakoloġija
— psikjatrija tat-tfal
— mikrobijoloġija-batterjoloġija
— mediċina tax-xogħol
— kimika bijoloġika
— immunoloġija
— dermatoloġija
— venereloġija
— ġerjatrija
— mard tal-kliewi
— mard li jittieħed
— mediċina komunitarja
— ematoloġija bijoloġika
— mediċina nukleari
— kirurġija dentali, orali, u *maxillo-facial* (taħriġ bażiku mediku u dentali);

It-tielet grupp (tliet snin):

— ematoloġija ġenerali
— endokrinoloġija
— fiżjoterapija
— stomatoloġija
— dermato-veneroloġija
— allergoloġija.

L-Artikolu 28

Bħala miżura tranżizzjonali u minkejja l-Artikoli 24(1)(ċ) u 25, l-Istati Membri li l-provvedimenti tagħhom, stabbiliti b'liġi, b'regolamenti, jew b'azzjonijiet amministrattivi, magħmula għal taħriġ speċjalizzat *part-time* fl-20 ta' Ġunju 1975, jistgħu jkomplu japplikaw dawn il-provvedimenti għal kandidati li bdew it-taħriġ bħala speċjalisti mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 1983.

Kull Stat Membru ospitanti għandu jkun awtorizzat li jitlob lill-benefiċjarji ta' l-ewwel paragrafu biex ifornu, b'żieda mad-diplomi, maċ-ċertifikati u mal-provi l-oħra ta' kwalifiki formali, attestazzjoni li jiċċertifika li għall-anqas għal tliet snin konsekuttivi fil-ħames snin ta' qabel il-ħruġ ta' l-attestazzjoni huma kienu legalment jaħdmu bħala speċjalisti fil-qasam ikkonċernat.

L-Artikolu 29

Bħala miżura tranżizzjonali u minkejja l-Artikolu 24(2):

(a) f'dak li għandu x'jaqsam mal-Lussemburgu, u fir-rigward biss tad-diplomi tal-Lussemburgu koperti bil-liġi ta' l-1939 tal-Lussemburgu dwar l-għoti tal-gradi akkademiċi u universitarji, il-ħruġ ta' ċertifikat bħala speċjalista għandu jkun kondizzjonali sempliċiment fuq il-pussess tad-diploma ta' tabib tal-mediċina, tal-kirurġija u ta' l-ostetriċja mogħti mill-Bord ta' l-Eżamijiet ta' l-Istat tal-Lussemburgu;

(b) f'dak li għandu x'jaqsam mad-Danimarka, u fir-rigward tad-diplomi Daniżi ta' tobba meħtieġa mil-liġi mogħtija mill-fakultà tal-mediċina ta' università Daniża bi qbil mad-digriet tal-Ministeru ta' l-Intern tal-14 ta' Mejju 1970, il-ħruġ ta' ċertifikat bħala speċjalista għandu jkun kondizzjonali sempliċiment fuq il-pussess tad-diplomi msemmija hawn fuq.

Id-diplomi msemmija f'(a) u f'(b) jistgħu jingħataw lill-kandidati li bdew it-taħriġ tagħhom qabel l-20 ta' Diċembru 1976.

TITOLU IV

TAĦRIĠ SPEĊIFIKU FIX-XOGĦOL TA' TABIB ĠENERALI

L-Artikolu 30

Kull Stat Membru li jeżenta t-taħriġ imwettaq li hemm referenza għalih fl-Artikolu 23 fit-territorju tiegħu għandu jinstitwixxi taħriġ speċifiku fix-xogħol ta' tabib ġenerali li jaqbel mal-kondizzjonijiet mill-anqas daqshekk stretti bħal dawk stabbiliti fl-Artikoli 31 u 32, b'mod li l-ewwel diplomi, ċertifikati jew provi oħra ta' kwalifiki formali mogħtija fit-tmiem il-kors ikunu maħruġa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1990.

L-Artikolu 31

1. It-taħriġ speċifiku fix-xogħol ta' tabib ġenerali li hemm referenza għalih fl-Artikolu 30 għandu jaqbel mal-kondizzjonijiet minimi li ġejjin:

(a) id-dħul għandu jkun kondizzjonali għal twettieq b'suċċess ta' mill-anqas sitt snin studju fl-istruttura tal-kors tat-taħriġ li hemm referenza għalih fl-Artikolu 23;

(b) għandu jkun kors *full-time* ta' mill-anqas sentejn, u għandu jkun issorveljat mill-awtoritajiet jew korpi kompetenti;

(ċ) għandu jkun ibbażat fuq il-prattika aktar milli fuq it-teorija; l-istruzzjoni prattika għandha tingħata, min-naħa l-waħda, mill-anqas għal sitt xhur fi sptar jew klinika approvata b'tagħmir u servizzi xierqa u, min-naħa l-oħra, mill-anqas għal sitt xhur fi prattika ta' tabib ġenerali approvata jew f'ċentru approvat fejn it-tobba jfornu kura primarja; għandu jsir f'kuntatt ma' stabbilimenti jew strutturi oħra li għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' tabib ġenerali; però mingħajr preġudizzju għall-perijodi minimi diġà msemmija ta' l-istruzzjoni prattika li tista' tingħata għal perijodu massimu ta' sitt xhur fi stabbilimenti jew fi strutturi oħra approvati li għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' tabib ġenerali;

(d) għandu jinvolvi il-parteċipazzjoni personali ta' l-imħarreġ fl-attivitajiet u r-responsabbiltajiet professjonali tal-persuni li jaħdem magħhom.

2. L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jiddeferixxu l-applikazzjoni tal-provvedimenti tal-paragrafu 1(ċ) relatati mal-perijodi minimi ta' istruzzjoni sa l-1 ta' Jannar 1995 l-aktar tard.

3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-ħruġ ta' diplomi, ta' ċertifikati jew ta' provi oħra ta' kwalfiki formali mogħtija wara t-taħriġ speċifiku fix-xogħol ta' tabib ġenerali, kondizzjonali fuq jekk il-kandidat ikollux waħda mid-diplomi, miċ-ċertifikati jew mill-provi l-oħra ta' kwalifiki formali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 3.

L-Artikolu 32

Jekk, fit-22 ta' Settembru 1986, Stat Membru kien qed jipprovdi taħriġ fix-xogħol ta' tabib ġenerali permezz ta' esperjenza fix-xogħol ta' tabib ġenerali miksub mit-tabib fil-klinika tiegħu taħt is-sorveljanza ta' kontrollur awtorizzat ta' taħriġ, dak l-Istat Membru jista' jżomm dan it-tip ta' taħriġ fuq bażi sperimentali bil-kondizzjoni li:

— jkun konformi mal-Artikolu 31(1)(a) u (b), u (3);

— it-tul tiegħu jkun id-doppju tad-differenza bejn il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 31(1)(b) u s-somma tal-perijodi stabbiliti fit-tielet paragrafu t'hawnhekk,

— jinvolvi perijodu fi sptar jew fi klinika approvata b'tagħmir u servizzi xierqa u perijodu fi prattika ta' tabib ġenerali jew f'ċentru approvat fejn it-tobba jipprovdu kura primarja; mill-1 ta' Jannar 1995, it-tul ta' kull wieħed minn dawn il-perijodi għandu jkun mill-anqas ta' sitt xhur.

L-Artikolu 33

Fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba, u fid-dawl tal-progress fit-taħriġ fix-xogħol ta' tabib ġenerali, il-Kummissjoni għandha tissottometti lil Kunsill, sa l-1 ta' Jannar 1996 l-aktar tard, rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Artikoli 31 u 32 u l-proposti xierqa biex tinkiseb aktar armonizzazzjoni fit-taħriġ ta' xogħol ta' tabib ġenerali.

Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq dawn il-proposti bi qbil mal-proċeduri stabbiliti fit-Trattat qabel l-1 Jannar ta' 1997.

L-Artikolu 34

1. Mingħajr preġudizzju għal prinċipju ta' taħriġ *full-time* stabbili fl-Artikolu 31(1)(b), l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw taħriġ speċifiku *part—time* fix-xogħol ta' tabib ġenerali b'żieda mat-taħriġ *full-time* fejn il-kondizzjonijiet partikolari li ġejjin jintlaħqu:

— it-tul totali tat-taħriġ ma jistax ikun imqassar għax ikun qiegħed isir fuq bażi ta' *part-time*,

— it-tul fil-ġimgħa ta' taħriġ *part-time* ma jistax ikun anqas minn 60 % tat-taħriġ fil-ġimgħa *full-time*,

— it-taħriġ *part-time* għandu jinkludi ċertu numru ta' perijodi ta' taħriġ *full-time*, kemm għat-taħriġ magħmul fi sptar jew fi klinika u kemm għat-taħriġ magħmul fi prattika medika

approvata jew f'ċentru approvat fejn it-tobba jipprovdu kura primarja. Dawn il-perijodi ta' taħriġ *full-time* għandhom ikunu ta' numru u tul biżżejjed biex jipprovdu preparazzjoni adekwata għax-xogħol effettiv ta' tabib ġenerali.

2. Taħriġ *part-time* għandu jkollu livell ta' kwalità ekwivalenti għal dak tat-taħriġ *full-time*. Għandu jwassal għal diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifika formali, kif hemm referenza għalih fl-Artikolu 30.

L-Artikolu 35

1. Irrispettivament minn kull dritt miksub li jirrikonoxxu, l-Istat Membri jistgħu joħorġu id-diploma, iċ-ċertifikat jew il-prova l-oħra ta' kwalifika formali li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 30 lil tabib ġenerali li ma jkunx temm it-taħriġ li hemm referenza għalih fl-Artikoli 31 u 32 imma li għandu diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifika formali maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, li jattesta t-twettieq ta' kors ta' taħriġ addizzjonali ieħor, madankollu, l-Istati Membri jistgħu joħorġu diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifika formali bħal din biss jekk din tattesta għal livell ta' sengħa ekwivalenti għal dak milħuq fi tmiem it-taħriġ li hemm referenza għalih fl-Artikoli 31 u 32.

2. Huma u jadottaw ir-regoli tagħhom bi qbil mal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw l-estensjoni li għaliha t-taħriġ addizzjonali diġà mwettaq mill-kandidat u l-esperjenza professjonali tiegħu jistgħu jkunu kkunsidrati flok it-taħriġ li hemm referenza għalih fl-Artikoli 31 u 32.

L-Istati Membri jistgħu joħorġu d-diploma, iċ-ċertifikat jew il-prova l-oħra ta' kwalifika formali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 30 biss jekk il-kandidat ikun kiseb mill-anqas sitt xhur esperjenza fix-xogħol ta' tabib ġenerali fi prattika ta' tabib ġenerali jew f'ċentru fejn it-tobba jipprovdu kura primarja, kif hemm referenza dwar dan fl-Artikolu 31(1)(ċ).

L-Artikolu 36

1. Mill-1 ta' Jannara 1995, u suġġett għad-drittijiet miksuba li hi tkun irrikonoxxiet, kull Stat Membru għandu jagħmel l-eżerċizzju ta' tabib ġenerali taħt l-iskema ta' sigurtà soċjali nazzjonali tiegħu b'kondizzjoni fuq il-pussess ta' diploma, ta' ċertifikat jew ta' prova oħra ta' kwalifiki formali kif imsemmi fl-Artikolu 30.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn din il-kondizzjoni persuni li qed jagħmlu taħriġ speċifiku fil-prattika medika ġenerali.

2. Kull Stat Membru għandu jispeċifika d-drittijiet miksuba li hu jirrikonoxxi. Madankollu, għandu jirrikonoxxi d-dritt li wieħed jagħmel ix-xogħol ta' tabib ġenerali ta' l-iskema ta' sigurtà soċjali nazzjonali mingħajr id-diploma, iċ-ċertifikat jew l-prova l-oħra ta' kwalifika formali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 30 bħala miksuba minn dawk it-tobba kollha li fil-31 ta' Diċembru 1994 kellhom dan id-dritt skond l-Artikoli 1 sa 20 u li huma stabbiliti fit-territorju tiegħu f'dik id-data bis-saħħa tal-artikolu 2 jew 9(1)

3. Kull Stat Membru jista' japplika l-paragrafu 1 qabel l-1 ta' Jannar 1995, suġġett għal kondizzjoni li kull tabib li temm it-taħriġ li hemm referenza fl-Artikolu 23 fi Stat Membru ieħor ikun jista' jistabbilixxi ruħu fit-territorju tiegħu sal-31 ta' Diċembru 1994 u jkun jista' jipprattika permezz ta' l-iskema ta' sigurtà soċjali nazzjonali tiegħu bis-saħħa ta' l-Artikolu 2 jew 9 (1).

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom joħorġu fuq talba ċertifikat li jagħti, lit-tobba li għandhom drittijiet miksuba bis-saħħa tal-paragrafu 2, id-dritt li jaħdmu bħala tobba ġenerali taħt l-iskema ta' sigurtà soċjali nazzjonali mingħajr diploma, ċertifikat jew prova oħra ta' kwalifiki formali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 30.

5. Xejn fil-paragrafu 1 m'għandu jippreġudika l-possibbiltà, li hi miftuħa għall-Istati Membri, li jagħtu, bi qbil mar-regoli tagħhom u fir-rigward tat-territorju tagħhom, id-dritt ta' xogħol bħala tabib ġenerali taħt skema ta' sigurtà soċjali lill-persuni li m'għandhomx diplomi, ċertifikati jew provi oħra formali ta' taħriġ mediku u ta' taħriġ speċifiku f'xogħol ta' tabib ġenerali miksub fiż-żewġ każi fl-Istat Membru, imma li għandhom diplomi, ċertifikati jew provi oħra ta' wieħed jew ta' tnejn minn dawn it-tip ta' taħriġ miksub f'pajjiż mhux membru.

L-Artikolu 37

1. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi permezz ta' l-iskema ta' sigurtà soċjali nazzjonali, għall-iskop ta' prattikant mediku ġenerali, id-diplomi, iċ-ċertifikati jew il-provi l-oħra ta' kwalifiki formali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 30 mogħtija liċ-ċittadini ta' Stati Membri minn Stati Membri oħra bi qbil mal-Artikoli 31, 32, 34 u 35.

2. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikati li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 36(4) maħruġa liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri minn Stati Membri oħra, u għandu jikkonsidrahom bħala ekwivalenti fit-territorju tiegħu għad-diplomi, għaċ-ċertifikati jew għall-provi l-oħra ta' kwalifiki formali li joħroġ hu stess, u li jippermettu x-xogħol ta' tabib ġenerali skond l-iskema ta' sigurtà soċjali nazzjonali.

L-Artikolu 38

Ċittadini ta' Stati Membri li lilhom Stat Membru jkun ħareġ id-diplomi, iċ-ċertifikati jew il-provi l-oħra ta' kwalifiki formali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 30 jew 36(4) għandhom

ikollhom id-dritt li jużaw fl-Istat Membru ospitanti t-titolu professjonali eżistenti f'dak l-Istat u l-abbrevjazzjoni tiegħu.

L-Artikolu 39

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 38, l-Istati Membri ospitanti għandhom jassiguraw li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri koperti bl-Artikolu 37 għandhom id-dritt ta' l-użu legali tat-titolu akkademiku, jew, fejn xieraq, abbrevjazzjoni tiegħu, ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini tagħhom jew ta' l-Istat Membru li ġejjin minnu, bil-lingwa ta' dak l-Istat. L-Istati Membri ospitanti jistgħu jitolbu li dan it-titolu jkun segwit bl-isem u l-post ta' l-istabbiliment jew bord ta' l-eżamijiet li jkun tah.

2. Jekk it-titolu akkademiku użat fl-Istat Membru ta' l-oriġini, jew fl-Istat Membru li minnu ġejja l-persuna barranija, jista' jkun konfuż fl-Istat Membru ospitanti ma' titolu li jkun jenħtieġ f'dak l-Istat taħriġ addizzjonali li l-persuna kkonċernata ma tkunx għamlet, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob lil persuna biex tuża t-titolu ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini jew ta' l-Istat Membru li ġejja minnu b'forma xierqa li għandha tkun indikata mill-Istat Membru ospitanti.

L-Artikolu 40

Fuq il-bażi ta' l-esperjenza miksuba, u fid-dawl tal-progress fit-taħriġ fix-xogħol ta' tabib ġenerali, il-Kummissjoni għandha tissottometti lejn il-Kunsill, sa l-1 ta' Jannar 1997 l-aktar tard, rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan it-Titolu u, jekk meħtieġ, proposti xierqa b'ħarsa lejn taħriġ xieraq għal kull tabib ġenerali biex jissodisfa r-rekwiżiti ta' prattikant mediku ġenerali. Il-Kunsill għandu jaġixxi fuq dawk il-proposti bi qbil mal-proċeduri stabbiliti fit-Trattat.

L-Artikolu 41

Malli Stat Membru ikun avvża lill-Kummissjoni bid-data tad-dħul fis-seħħ tal-miżuri li jkun ħa bi qbil mal-Artikolu 30, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż xieraq fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, li jindika n-nomini addottati minn dak l-Istat Membru għad-diploma, għaċ-ċertifikat jew għall-prova l-oħra ta' kwalifiki formali u, fejn xieraq, it-titolu professjonali f'dak il-każ.

TITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 42

L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti biex joħorġu jew jirċievu d-diplomi, iċ-ċertifikati jew il-provi l-oħra ta' kwalifiki formali kif ukoll id-dokumenti u l-informazzjoni msemmija f'din id-Direttiva u għandhom jinfurmaw minnufih b'dan lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

L-Artikolu 43

Meta Stat Membu jiltaqa' ma' diffikultajiet kbar f'ċerti oqsma, waqt li japplika din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha teżamina dawn id-diffikultajiet flimkien ma' l-Istat u għandha titlob l-opinjoni tal-Kumitat ta' Uffiċjali Għolja dwar is-Saħħa Pubblika stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 75/365/KEE [1].

Meta meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposti xierqa lejn il-Kunsill.

L-Artikolu 44

Id-Direttiva stabbilita fl-Anness III, il-Parti A, hija hawnhekk imħassra, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw iż-żmien ta' għeluq għat-transposizzjoni stabbilita fl-Anness III, il-Parti B.

Referenzi għad-Direttivi msemmija għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw bi qbil mat-tabella ta' korrelazzjoni pprovduta fl-Anness IV.

L-Artikolu 45

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-5 ta' April 1993.

Għall-Kunsill

Il-President

J. TRØJBORG

[1] ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 19.

L-ANNESS 1

Karatteristiċi tat-taħriġ *full-time* u *part-time* ta' speċjalisti kif imsemmi fl-Artikoli 24(1)(ċ) u 25

1. *Taħriġ full-time ta' speċjalisti*

Taħriġ bħal dan għandu jsir f'postijiet speċifiċi rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti.

Għandu jinvolvi l-parteċipazzjoni f'kull attività medika tad-dipartiment fejn isir it-taħriġ, inklużi *on-call duties*, biex l-ispeċjalista mħarreġ jiddedika l-attività professjonali kollha tiegħu għal dan it-taħriġ prattiku u teoritiku tul iż-żmien tal-ġimgħa standard ta' xogħol u tul is-sena skond il-provvedimenti miftehma mill-awtoritajiet kompetenti. Għalhekk dawn il-postijiet għandhom ikunu suġġetti għal remunerazzjoni xierqa.

It-taħriġ jista' jkun imwaqqaf għal raġunijiet bħal ma huma s-servizz militari, *secondment*, tqala, jew mard. It-tul totali tat-taħriġ m'għandux jitnaqqas għal raġunijiet ta' xi interruzzjoni.

2. *Taħriġ part-time ta' speċjalisti*

Dan it-taħriġ għandu jilħaq l-istess rekwiżiti tat-taħriġ *full-time*, li għandu jkun differenti biss fil-possibbiltà ta' parteċipazzjoni limitata fl-attivitajiet mediċi għal perijodu mill-anqas nofs dak ipprovdut fit-tieni paragrafu ta' punt 1.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jassiguraw li t-tul totali u l-kwalità tat-taħriġ *part-time* ta' l-ispeċjalisti ma jkunux anqas minn dawk imħarrġa *full-time*.

Remunerazzjoni xierqa għandha konsegwentement tkun taqbel mat-taħriġ *part-time* bħal dan.

L-ANNESS II

Dati li minnhom ċerti Stati Membri ħassru l-provedimenti stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw l-għoti ta' diplomi, ta' ċertifikati u ta' provi oħra ta' kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 9(7)

IL-BELĠJU		
Kirurġija toraċika:	1 ta' Jannar 1983	
Kirurġija vaskulari:	1 ta' Jannar 1983	
Psikjatrija-newroloġika:	1 ta' Awissu 1987,	minbarra għal persuni li bdew it-taħriġ qabel dik id-data
Kirurġija gastroenteroloġika:	1 ta' Jannar 1983	
ID-DANIMARKA		
Ematoloġija bijoloġika:	1 ta' Jannar 1983,	minbarra għal persuni li bdew it-taħriġ qabel dik id-data u li spiċċawh sa l-aħħar tas-sena 1988
Fiżjoterapija:	1 ta' Jannar 1983,	minbarra għal persuni li bdew it-taħriġ qabel dik id-data u li spiċċawh sa l-aħħar tas-sena 1988
Mediċina tropikali:	1 ta' Awissu 1987,	minbarra għal persuni li bdew it-taħriġ qabel dik id-data
FRANZA		
Radjoloġija:	3 ta' Diċembru 1971	
Psikjatrija-newroloġika:	31 ta' Diċembru 1971	
IL-LUSSEMBURGU		
Radjoloġija:	Id-diplomi, iċ-ċertifikati u il-provi l-oħra ta' kwalifiki formali li m'għadhomx aktar jingħataw fir-rigward tat-taħriġ mibdi wara l-5 ta' Marzu 1982	
Psikjatrija-newroloġika:	Id-diplomi, iċ-ċertifikati u il-provi l-oħra ta' kwalifiki formali li m'għadhomx aktar jingħataw fir-rigward tat-taħriġ mibdi wara l-5 ta' Marzu 1982	
L-OLANDA		
Radjoloġija:	8 ta' Lulju 1984	
Psikjatrija-newroloġika:	9 ta' Lulju 1984	

L-ANNESS III

Il-Parti A

Id-direttivi mħassra

(li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 44)

1. Id-direttiva 75/362/KEE
2. Id-direttiva 75/363/KEE

   u l-emendi suċċessivi tagħhom:

   — Id-direttiva 81/1057/KEE: biss ir-referenzi magħmula mill-Artikolu 1 għad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi mħassra 75/362/KEE u 75/363/KEE

   — Id-direttiva 82/76/KEE

   — Id-direttiva 89/594/KEE: biss l-Artikoli 1 sa 9.

   — Id-direttiva 90/658/KEE: biss l-Artikolu 1(1) u (2), u l-Artikolu 2

3. Id-direttiva 86/457/KEE

Il-Parti B

Iż-żmien limitu għat-transpożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 44)

Id-Direttiva	*Żmien limitu għat-transpożizzjoni*
75/362/KEE (ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 1)	20 ta' Diċembru 1976 (*)
81/1057/KEE (ĠU L 385, tal-31.12.1981, p. 25)	30 ta' Ġunju 1982
75/363/KEE (ĠU L 167, tat-30.6.1975, p. 14)	20 ta' Diċembru 1976 (**)
82/76/KEE (ĠU L 43, tal-15.2.1982, p. 21)	31 ta' Diċembru 1982
89/594/KEE (ĠU L 341, tat-23.11.1989, p. 19)	8 ta' Mejju 1991
90/658/KEE (ĠU L 353, tas-17.12.1990, p. 73)	1 ta' Lulju 1991
86/457/KEE (ĠU L 267, tad-19.9.1986, p. 26)	1 ta' Jannar 1985

(*) 1 ta' jannar 1981 għall-Greċja, 1 ta' jannar 1986 għall-Spanja u għall-Portugall.

(**) 1 ta' Jannar 1981 għall-Greċja, 1 ta' Jannar 1986 għall-Spanja u għall-Portugall. Għat-territorju ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Demokratika Ġermaniża, il-Ġermanja għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tapplika l-Artikoli 2 sa 5 tad-Direttiva 75/363/KEE (L-Artikoli 24 sa 27 ta' din id-Direttiva) sat-3 ta' April (Id-direttiva 90/658/KEE, l-Artikolu 2).

L-ANNESS IV

Din id-direttiva	Id-direttiva 75/362/KEE	Id-direttiva 75/363/KEE	Id-direttiva 86/457/KEE	Id-direttiva 81/1057/KEE	Id-direttiva 89/594/KEE	Id-direttiva 82/76/KEE
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1 u 24					
L-Artikolu 2	L-Artikolu 2					
L-Artikolu 3	L-Artikolu 3					
L-Artikolu 4	L-Artikolu 4					
L-Artikolu 5	L-Artikolu 5					
L-Artikolu 6	L-Artikolu 6					
L-Artikolu 7	L-Artikolu 7					
L-Artikolu 8	L-Artikolu 8					
L-Artikolu 9(1)	L-Artikolu 9(1)			L-Artikolu 1		
L-Artikolu 9(2)	L-Artikolu 9(2)			L-Artikolu 1		
L-Artikolu 9(3)	L-Artikolu 9a(1)					
L-Artikolu 9(4)	L-Artikolu 9a(2)					
L-Artikolu 9(5)	L-Artikolu 9(3)					
L-Artikolu 9(6)					L-Artikolu 9(1)	
L-Artikolu 9(7)					L-Artikolu 9(2)	
L-Artikolu 10	L-Artikolu 10					
L-Artikolu 11	L-Artikolu 11					
L-Artikolu 12	L-Artikolu 12					
L-Artikolu 13	L-Artikolu 13					
L-Artikolu 14	L-Artikolu 14					
L-Artikolu 15	L-Artikolu 15					
L-Artikolu 16	L-Artikolu 15a					
L-Artikolu 17	L-Artikolu 16					
L-Artikolu 18	L-Artikolu 17					
L-Artikolu 19	L-Artikolu 18					
L-Artikolu 20	L-Artikolu 20					
L-Artikolu 21	L-Artikolu 21					
L-Artikolu 22	L-Artikolu 22					
L-Artikolu 23		L-Artikolu 1				
L-Artikolu 24		L-Artikolu 2				
L-Artikolu 25(1)		L-Artikolu 3(1)				
L-Artikolu 25(2)		L-Artikolu 3(2)				
L-Artikolu 25(3) l-ewwel subparagrafu		L-Artikolu 3(3) l-ewwel subparagrafu				
L-Artikolu 25(3) it-tieni sottoparagrafu						L-Artikolu 14
L-Artikolu 26		L-Artikolu 4				
L-Artikolu 27		L-Artikolu 5				
L-Artikolu 28		L-Artikolu 7				
L-Artikolu 29		L-Artikolu 8				
L-Artikolu 30			L-Artikolu 1			
L-Artikolu 31			L-Artikolu 2(1), (2) u (3)			
L-Artikolu 32			L-Artikolu 3			
L-Artikolu 33			L-Artikolu 4			
L-Artikolu 34			L-Artikolu 5			
L-Artikolu 35			L-Artikolu 6			
L-Artikolu 36			L-Artikolu 7			
L-Artikolu 37			L-Artikolu 8			
L-Artikolu 38			L-Artikolu 9			
L-Artikolu 39			L-Artikolu 10			
L-Artikolu 40			L-Artikolu 11			
L-Artikolu 41			L-Artikolu 12(2)			
L-Artikolu 42	L-Artikolu 23		L-Artikolu 2(4)			
L-Artikolu 43	L-Artikolu 26	L-Artikolu 10				
L-Artikolu 44						
L-Artikolu 45	L-Artikolu 27					
L-Anness I	L-Anness					
L-Anness II					L-Anness	